ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 120

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

15 ta' Mejju 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 402/2009 tal-14 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix . . . . . . . . 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 403/2009 tal-14 ta' Mejju 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' L-valine bħala addittiv fl-għalf** [1] . . . . . . . . 3

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija** [1] . . . . . . . . 5

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

## II Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/382/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2009 dwar l-għajnuna mill-Istat C 27/05 (ex NN 69/04) mogħtija għax-xiri tal-magħlef fir-reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia (L-Artikolu 6 tal-Liġi Reġjonali Nru 14 tal-20 ta' Awwissu 2003 u sejħa għall-espressjonijiet ta' interess ippubblikata mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste)** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 187)* ............. 13

2009/383/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Mejju 2009 li tissospendi d-dazji definittivi ta' anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/2004 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' glyphosate li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina** 20

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/384/KE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji** [1] ............ 22

2009/385/KE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 li tikkumplementa r-Rakkomandazzjonijiet Nru 2004/913/KE u Nru 2005/162/KE fir-rigward tas-sistema tar-rimunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kkwotati fil-borża** [1] ............ 28

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 402/2009

**tal-14 ta' Mejju 2009**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (1),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex (2), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Mejju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 53,3 |
| | TN | 115,0 |
| | TR | 101,5 |
| | ZZ | 89,9 |
| 0707 00 05 | JO | 155,5 |
| | MA | 32,7 |
| | TR | 143,8 |
| | ZZ | 110,7 |
| 0709 90 70 | JO | 216,7 |
| | TR | 116,6 |
| | ZZ | 166,7 |
| 0805 10 20 | EG | 44,5 |
| | IL | 54,1 |
| | MA | 43,6 |
| | TN | 49,2 |
| | TR | 99,9 |
| | US | 49,3 |
| | ZZ | 56,8 |
| 0805 50 10 | AR | 50,9 |
| | TR | 56,4 |
| | ZA | 67,0 |
| | ZZ | 58,1 |
| 0808 10 80 | AR | 80,2 |
| | BR | 71,7 |
| | CL | 72,4 |
| | CN | 100,3 |
| | MK | 42,0 |
| | NZ | 105,1 |
| | US | 133,5 |
| | UY | 71,7 |
| | ZA | 80,2 |
| | ZZ | 84,1 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi “ZZ” jirrappreżenta “oriġini oħra”.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 403/2009

## tal-14 ta' Mejju 2009

## dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' L-valine bħala addittiv fl-għalf

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fin-nutriment tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment tal-annimali u għar-raġunijiet u għall-proċeduri biex tingħata din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni stipulata fl-Anness ma' dan ir-Regolament. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni hija dwar awtorizzazzjoni ġdida tal-amino aċidu L-valine b'purità ta' mill-inqas 98 %, prodott minn *Escherichia coli* (K-12 AG314) FERM ABP-10640 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kolha, biex jiġi kklassifikat fil-kategorja tal-addittivi "addittivi nutrittivi".

(4) Mill-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") tat-30 ta' Jannar 2008 ([2]) u tat-18 ta' Novembru 2008 ([3]) jirriżulta li l-amino aċidu L-valine b'purità ta' mill-inqas 98 %, m'għandux effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent u li huwa kkunsidrat bħala sors ta' valine disponibbli għall-ispeċi kollha. L-Awtorità ma tikkunsidrax li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv fl-għalf f'għalf imressaq mil-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni ta' dik il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi nutrittivi" u mill-grupp funzjonali "amino aċidi, l-imluħa u l-analogi tagħhom", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

([2]) *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2008) 695, 1-21.

([3]) *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2008) 872, 1-6.

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku. | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | mg/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Kategorija ta' addittivi nutrittivi. Grupp funzjonali: amino aċidi u l-imluħa u l-analogi tagħhom.** | | | | | | | | | |
| 3c3.7.1 | - | L-valine | Kompożizzjoni tal-addittiv:<br>L-valine b'purità ta' mill-inqas 98 % (fuq materja xotta) prodott minn *Escherichia coli* (K-12 AG314) FERM ABP-10640<br><br>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:<br>L-valine ($C_5H_{11}NO_2$)<br><br>Metodu analitiku:<br>Metodu Komunitarju għad-determinazzjoni ta' amino aċidi (Regolament (KE) Nru 152/2009 ([1])) | L-ispeċi kollha | - | - | - | Il-kontenut ta' umdità għandu jkun indikat. | *It-3 ta' Ġunju 2019* |

([1]) ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2009/33/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' April 2009**

**dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Ir-riżorsi naturali, li tagħhom l-Artikolu 174(1) tat-Trattat jesiġi t-tfittxija għall-użu għaqli u razzjonali, jinkludu ż-żejt, li huwa r-riżors prinċipali ta' enerġija fl-Unjoni Ewropea, iżda huwa wkoll sors ewlieni ta' emissjonijiet li jniġġsu.

(2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2001 imsejħa "Ewropa Sostenibbli għal Dinja Aħjar: Strateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Iżvilupp Sostenibbli", ippreżentata lill-Kunsill Ewropew ta' Gothenburg tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2001, identifikat l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra u t-tniġġis ikkawżat mit-trasport fost l-ostakli prinċipali għall-iżvilupp sostenibbli.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 talulju 2002 li tistipula s-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Ambjent tal-Komunità ([4]) tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' miżuri speċifiċi biex jittejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u għall-integrazzjoni ta' għanijiet fir-rigward tat-tibdil fil-klima f'linji politiċi tat-trasport u l-enerġija, kif ukoll il-ħtieġa li jittieħdu miżuri speċifiċi fis-settur tat-trasport li jindirizzaw l-użu tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett tas-serra.

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 bl-isem "Politika dwar l-enerġija għall-Ewropa" ipproponiet impenn min-naħa tal-Unjoni Ewropea biex sal-2020 tikseb tnaqqis ta' mill-inqas 20 % mill-gassijiet b'effett tas-serra meta mqabbel mal-1990. Addizzjonalment, ġew proposti miri vinkolanti għal iktar titjib ta' 20 % fl-effiċjenza tal-użu tal-enerġija, livell ta' 20 % tal-enerġija rinnovabbli u sehem ta' 10 % ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport fil-Komunità sal-2020, fost l-oħrajn biex tittejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija billi jiġu ddiversifikati t-taħlitiet tal-karburant.

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2006 intitolata "Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Enerġija: Inwettqu l-Potenzjal" ħabbret li l-Kummissjoni ser tkompli tipprova tiżviluppa, permezz tal-akkwist pubbliku u billi tqanqal il-kuxjenza pubblika, swieq għal vetturi li jkunu aktar nodfa, proġettati b'mod aktar intelliġenti, aktar sikuri u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

(6) Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-White Paper tal-Kummissjoni tal-2001 dwar it-Trasport "Inżommu lill-Ewropa miexja – il-Mobbiltà sostenibbli għall-kontinent tagħna", tat-22 ta' Ġunju 2006, ħabbret li l-Unjoni se tistimola l-innovazzjoni li tippreżerva l-ambjent, b'mod partikolari permezz ta' standards Ewropej suċċessivi ta' emissjoni (normi EURO) u permezz tal-promozzjoni ta' vetturi nodfa abbażi tal-akkwist pubbliku.

([1]) ĠU C 195, 18.8.2006, p. 26.
([2]) ĠU C 229, 22.9.2006, p. 18.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2008 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2009.
([4]) ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

(7) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Frar 2007 intitolata "Riżultati tar-reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja għat-tnaqqis ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ minn karozzi tal-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali ħfief", il-Kummissjoni ppreżentat strateġija komprensiva ġdida li permezz tagħha l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-għan tagħha ta' 120 g/km għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-karozzi ġodda tal-passiġġieri sal-2012. Ġie propost qafas leġiżlattiv biex jiżgura t-titjib teknoloġiku tal-vetturi. Miżuri komplementari għandhom jippromwovu x-xiri ta' vetturi effiċjenti fl-użu tal-karburant.

(8) Il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar it-Trasport Urban tal-25 ta' Settembru 2007 imsejħa "Lejn kultura ġdida għall-mobbiltà urbana" tinnota l-appoġġ tal-partijiet interessati għall-promozzjoni tad-dħul fis-suq ta' vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija permezz ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku li jirrispettaw l-ambjent. Din il-Green Paper tipproponi li approċċ possibbli jista' jiġi bbażat fuql-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni bl-applikazzjoni tal-ispejjeż tul il-ħajja tal-vettura għall-konsum tal-enerġija, għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ u għall-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu marbuta mal-użu tal-vetturi li jkunu se jinxtraw bħala kriterji tal-għoti ta' kuntratt tal-akkwist, minbarra l-prezz tal-vettura. Barra minn hekk, l-akkwist pubbliku jista' jagħti prefenza lil standards EURO ġodda. L-użu aktar bikri ta' vetturi aktar nodfa jista' konsegwentement itejjeb il-kwalità tal-arja fiż-żoni urbani.

(9) Ir-rapport tat-12 ta' Diċembru 2005 tal-Grupp ta' livell Għoli CARS 21 appoġġa l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni ta' vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, bil-kundizzjoni li jittieħed approċċ integrat li jinvolvi l-manifatturi tal-vetturi, il-fornituri taż-żejt u tal-karburant, min isewwi, klijenti jew sewwieqa u l-awtoritajiet pubbliċi li jkun teknoloġikament newtrali u bbażat fuq il-prestazzjoni.

(10) Il-Grupp ta' livell Għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent, fir-rapport tiegħu tas-27 ta' Frar 2007, irrakkomanda li l-akkwist privat u l-akkwist pubbliku għandhom iqisu l-ispejjeż tal-vetturi tul ħajjithom kollha b'enfażi fuq l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. L-Istati Membri u l-Komunità għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw gwida għall-akkwist pubbliku dwar avvanz minn sistema ta' sejħiet għall-offerti bl-irħas prezz għall-akkwist ta' prodotti intermedji aktar sostenibbli b'konsistenza mad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali [1] u mad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31ta' Marzu 2004 dwar kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [2].

(11) Din id-Direttiva għandha l-għan li tistimula s-suq għall-vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u b'mod speċjali – billi din se jkollha impatt ambjentali sostanzjali – li tinfluwenza s-suq għall-vetturi standardizzati li jiġu prodotti fi kwantitajiet akbar bħal karozzi tal-passiġġieri, xarabanks, coaches u trakkijiet, billi tiżgura livell ta' domanda għal vetturi tat-trasport fuq it-triq li jkunu nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jkun sostanzjali biżżejjed biex iħeġġeġ lill-manifatturi u lill-industrija biex jinvestu f'vetturi b'konsum baxx tal-enerġija, b'emissjonijiet baxxi ta' $CO_2$ u b'emissjonijiet baxxi ta' sustanzi li jniġġsu u biex jiżviluppaw aktar dawn il-vetturi.

(12) L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kontraenti nazzjonali, reġjonali jew lokali u lill-entitajiet u operaturi kontraenti li jipprovdu servizzi tat-trasport pubbliku lill-passiġieri dwar id-dispożizzjonijiet relatati max-xiri ta' vetturi għat-trasport fuq it-triq li jkunu nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

(13) Fil-bidu, il-prezz tal-vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija ikun ogħla minn dak ta' vetturi konvenzjonali. Il-ħolqien ta' domanda suffiċjenti għal dan it-tip ta' vetturi jista' jiżgura li l-ekonomizzazzjoni miksuba fuq skala kbira twassal għal tnaqqis fl-ispiża.

(14) Din id-Direttiva tindirizza l-ħtieġa li jiġi provdut appoġġ lill-Istati Membri permezz tal-faċilitazzjoni u strutturazzjoni tal-iskambju ta' tagħrif u l-aħjar prattika għall-promozzjoni tax-xiri ta' vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

(15) L-akkwist ta' vetturi għas-servizzi ta' trasport pubbliku jista' jagħmel impatt sinifikanti fuq is-suq jekk jintużaw kriterji armonizzati fil-livell Komunitarju.

(16) L-akbar impatt fuq is-suq, flimkien mal-aħjar rizultat tar-relazzjoni bejn l-ispiża u l-benefiċċji, jinkiseb permezz tal-inklużjoni obbligatorja tal-ispejjeż tal-vetturi tul ħajjithom fuq il-konsum tal-enerġija, l-emissjonijiet ta' $CO_2$, u emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu, bħala kriterji tal-għoti fl-akkwist ta' vetturi għal servizzi ta' trasport pubbliku.

(17) Konformement mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE u tad-Direttiva 2004/18/KE u b'rispett sħiħ tal-implimentazzjoni fil-liġi nazzjonali ta' dawn id-Direttivi, din id-Direttiva għandha tkopri l-vetturi ta' trasport fuq it-triq mixtrija minn awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti, irrispettivament minn jekk dawn l-awtoritajiet u l-entitajiet ikunux pubbliċi jew privati. Barra minn hekk, din id-Direttiva għandha tkopri x-xiri ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq użati għat-twettiq ta' servizzi ta' trasport pubbliku tal-passiġġieri taħt kuntratt ta' servizz pubbliku, waqt li tippermetti li l-Istati Membri jeskludu xiri minuri bil-ħsieb li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn.

[1] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

(18) Konformement mad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi qafas għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) ([1]) u bl-għan li jiġi evitat piż amministrattiv mhux dovut, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeżentaw lill-awtoritajiet u lill-operaturi mir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva meta jixtru vetturi mfassla u mibnija għal użu speċjali.

(19) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal sensiela ta' għażliet sabiex jittieħed kont tal-impatti enerġetiċi u ambjentali. Dan jippermetti lill-awtoritajiet u lill-operaturi li diġà żviluppaw metodi mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet lokali li jkomplu japplikaw dawk il-metodi.

(20) L-inklużjoni tal-konsum tal-enerġija, l-emissjonijiet tas-$CO_2$, u emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fil-kriterji tal-għoti ma timponix spejjeż totali ogħla, anzi, tantiċipa l-ispejjeż tal-vetturi tul ħajjithom fid-deċiżjoni tax-xiri. Filwaqt li jikkomplementa l-leġiżlazzjoni dwar l-Euro Norms, li tistabbilixxi l-limiti massimi ta' emissjoni, dan l-approċċ jikkwantifika l-emissjoni attwali tas-sustanzi li jniġġsu fi flus u ma jeħtieġ ebda aġġustament addizzjonali tal-istandards.

(21) Fl-osservanza tar-rekwiżit li jittieħed kont tal-impatti enerġetiċi u ambjentali billi jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi, l-awtoritajiet kontraenti, l-entitajiet kontraenti u l-operaturi huma mħeġġa biex jistabbilixxu speċifikazzjonijiet ta' prestazzjoni enerġetika u ambjentali talivell ogħla minn dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'kont meħud pereżempju tal-Euro Norms li huma diġà adottati iżda li għadhom ma sarux obbligatorji.

(22) L-Istudju ExternE ([2]), il-Programm tal-Kummissjoni għal Arja Nadifa għall-Ewropa (CAFE) ([3]), u l-Istudju HEATCO ([4]) lkoll taw informazzjoni dwar spejjeż minħabba emissjonijiet ta' $CO_2$, ta' ossidu tan-nitroġenu ($NO_x$), ta' idrokarburi li ma jkunux tal-metanu (NMHC), u ta' materja partikulata. Biex il-proċedura tal-għoti ta' kuntratt tibqa' sempliċi, l-ispejjeż jitqiesu abbażi tal-valur attwali.

(23) Din id-Direttiva għandha tiddefinixxi firxa għall-ispejjeż tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-emissjonijiet li jniġġsu li, fuq naħa waħda, tippermetti flessibbiltà għall-awtoritajiet kontraenti, l-entitajiet kontraenti u l-operaturi biex iqisu s-sitwazzjoni lokali tagħhom, u, fuq in-naħa l-oħra, tiżgura livell xieraq ta' armonizzazzjoni.

(24) L-applikazzjoni obbligatorja ta' kriterji għall-akkwist ta' vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija ma teskludix l-inklużjoni ta' kriterji oħra rilevanti għall-għoti tal-kuntratt. L-anqas ma timpedixxi l-għażla ta' vetturi li jiġu sussegwentement mmodifikati għal rendiment ambjentali aħjar. Dawn il-kriterji rilevanti oħrajn għall-għoti ta' kuntratt jistgħu jiġu inklużi fil-kuntratti ta' akkwist suġġett għad-Direttiva 2004/17/KE jew għad-Direttiva 2004/18/KE, sakemm dawn ikunu marbuta mal-oġġett tal-kuntratt, ma jagħtux libertà tal-għażla bla restrizzjonijiet lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontreanti, jissemmew espressament u josservaw il-prinċipji fundamentali tat-Trattat.

(25) Il-metodu għall-kalkolu tal-ispejjeż operattivi tul il-ħajja ta' vettura minħabba emissjonijiet li jniġġsu għall-finijiet ta' deċiżjonijiet dwar l-akkwist ta' vettura, inklużi l-valuri numeriċi definiti f'din id-Direttiva, ma jippreġudikax leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tindirizza l-ispejjeż esterni.

(26) L-eżami u r-reviżjoni tal-metodu tal-kalkolu definiti f'din id-Direttiva għandhom iqisu l-miżuri leġiżlattivi Komunitarji rilevanti relatati u għandhom jimmiraw għal konsistenza magħhom.

(27) Il-kriterji enerġitiċi u ambjentali għall-għoti ta' kuntratt għandhom ikunu fost il-bosta kriterji għall-għoti li jiġu meqjusa mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti meta jintalbu biex jieħdu deċiżjoni rigward l-akkwist ta' vetturi tat-trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

(28) Din id-Direttiva m'għandhiex iżżomm lill-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti milli jagħtu preferenza lill-aħħar Euro Norms fix-xiri ta' vetturi għas-servizzi ta' trasport pubbliku minn qabel ma dawk l-istandards isiru obbligatorji. M'għandhiex ukoll iżżomm lill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti milli jagħtu preferenza lil karburanti alternattivi, pereżempju idroġenu, gass taż-żejt fi stat likwidu (LPG), gass naturali kkumpressat (CNG) u bijokarburanti, sakemm jittieħed kont tal-impatti enerġitiċi u ambjentali ta' tul il-ħajja tal-vettura.

(29) Għandhom jiġu żviluppati proċeduri ta' testijiet standardizzati tal-Komunità għal aktar kategoriji ta' vetturi sabiex jitjiebu l-komparabbiltà u t-trasparenza tad-*data* tal-manifattur. Il-manifatturi għandhom jiġu mħeġġa li jipprovdu *data* dwar il-konsum totali tal-enerġija ta' tul il-ħajja tal-vettura, dwar l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u dwar l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu.

---

([1]) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.
([2]) Bickel, P., Friedrich R., ExternE. Externalities of Energy. Methodology 2005 update, Kummissjoni Ewropea, Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet, il-Lussemburgu, 2005.
([3]) Holland M., et al., (2005a). Methodology for the Cost-Benefit Analysis for CAFE: Volume 1: Overview of Methodology. AEA Technology Environment, Didcot, 2005.
([4]) Bickel, P., et al., HEATCO Deliverable 5. Proposal for Harmonised Guidelines, Stuttgart, 2006.

(30) Il-possibbiltà ta' appoġġ pubbliku għax-xiri ta' vetturi tat-trasport nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inklużi l-installazzjoni sussegwenti fuq dawn il-vetturi ta' magni u partijiet ta' rikambju, li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti ambjentali obbligatorji, hija rikonoxxuta fil-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent ([1]) u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni konformement mal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) ([2]). F'dan il-kuntest, il-linji gwida inklużi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji Gwida Komunitarji dwar Għajnuniet mill-Istat għall-Impriżi Ferrovjarji" ([3]), partikolarment in-nota 1 ta' qiegħ il-paġna għall-punt 34 u n-nota 3 ta' qiegħ il-paġna għall-punt 36, huma wkoll rilevanti. Madankollu, ir-regoli tat-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikoli 87 u 88 tiegħu, għandhom ikomplu japplikaw għal dan l-appoġġ pubbliku.

(31) Il-possibbiltà ta' appoġġ pubbliku favur il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-infrastrutturi meħtieġa għad-distribuzzjoni ta' karburanti alternattivi hija rikonoxxuta fil-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent. Madankollu, ir-regoli tat-Trattat, u b'mod partikolari, l-Artikoli 87 u 88 tiegħu, għandhom ikomplu japplikaw għal dan l-appoġġ pubbliku.

(32) Ix-xiri ta' vetturi tat-trasport fuq it-triq li jkunu nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija joffri opportunità għall-bliet li jixtiequ jippromwovu l-kuxjenza ambjentali tagħhom. F'dan il-kuntest huwa importanti li jkun hemm żvelar fuq l-Internet tat-tagħrif dwar l-akkwist pubbliku taħt din id-Direttiva.

(33) Għandha tiġi mħeġġa l-pubblikazzjoni fuq l-Internet tat-tagħrif kollu relatat mal-istrumenti finanzjarji disponibbli fl-Istati Membri għall-mobbiltà urbana u għall-promozzjoni ta' vetturi għat-trasport tat-triq li jkunu nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

(34) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([4]).

(35) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħa biex tadatta d-*data* abbażi tal-inflazzjoni u tal-progress tekniku għall-kalkolu tal-ispejjeż ta' tul il-ħajja operattiva tal-vetturi tat-trasport fuq it-triq. Billi dawn il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, jeħtieġ li dawn jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(36) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi promoss u stimulat is-suq għal vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li jitjieb il-kontribut tas-settur tat-trasport għal-linji politiċi ambjentali, klimatiċi u enerġetiċi tal-Komunità, ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, sabiex tinkiseb il-massa kritika ta' vetturi meħtieġa biex l-iżvilupp tagħhom mill-industrija Ewropea jkun ekonomikament effiċjenti, jinkisbu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE. Konformement mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(37) L-Istati Membri u l-Kumissjoni għandhom ikomplu jippromwovu vetturi tat-trasport fuq it-triq li jkunu nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. F'dan il-kuntest, il-programmi operattivi nazzjonali u reġjonali, kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 talulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni ([5]), jista' jkollhom rwol importanti. Barra minn hekk, il-programmi tal-Komunità bħas-Civitas u l-Enerġija Intelliġenti - Ewropa jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-mobbiltà urbana filwaqt li jnaqqsu l-effetti negattivi tagħha.

(38) Konformement mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar leġiżlazzjoni aħjar ([6]), l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interessi tal-Komunità, it-tabelli tagħhom, li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett u għanijiet**

Din-Direttiva teħtieġ lill-awtoritajiet kontraenti, l-entitajiet kontraenti kif ukoll ċerti operaturi, iqisu l-impatti enerġetiċi u ambjentali ta' tul il-ħajja, inkluż il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u ta' ċerti sustanzi li jniġġsu, meta jkunu qed jixtru vetturi ta' trasport fuq it-triq, bl-għanijiet li jiġi promoss u stimulat is-suq għal vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li jitjieb il-kontribut tas-settur tat-trasport għal-linji politiċi ambjentali, klimatiċi u enerġetiċi tal-Komunità.

*Artikolu 2*

**Eżenzjonijiet**

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva kuntratti għax-xiri ta' vetturi msemmija fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2007/46/KE, li ma jkunux suġġetti għal approvazzjoni tat-tip jew approvazzjoni individwali fit-territorju tagħhom.

([1]) ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.
([3]) ĠU C 184, 22.7.2008, p. 13.
([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([5]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.
([6]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva għandha tapplika għal kuntratti għax-xiri ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq minn:

(a) awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti sa fejn dawn ikollhom l-obbligu li japplikaw il-proċeduri ta' akkwist previsti fid-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE;

(b) operaturi għat-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku taħt kuntratt ta' servizz pubbliku fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq [1] b'mod li jisboq il-limitu li għandu jiġi definit mill-Istati Membri liema limitu m'għandux jisboq il-valuri talimitu kif previst fid-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(1) "awtoritajiet kontraenti" tfisser awtoritajiet kontraenti kif definit fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2004/17/KE u fl-Artikolu 1(9) tad-Direttiva 2004/18/KE;

(2) "entitajiet kontraenti" tfisser entitajiet kontraenti kif imsemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2004/17/KE;

(3) "vettura ta' trasport fuq it-triq" tfisser vettura koperta mill-kategoriji tal-vetturi elenkati fit-Tabella 3 tal-Anness.

*Artikolu 5*

**Xiri ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mill-4 ta' Diċembru 2010, l-awtoritajiet kontraenti, l-entitajiet kontraenti u l-operaturi kollha msemmija fl-Artikolu 3, meta jixtru vetturi ta' trasport fuq it-triq, iqisu l-impatti enerġetiċi u ambjentali ta' tul il-ħajja operattiva tal-vettura kif previst fil-paragrafu 2 u japplikaw għall-inqas waħda mill-għażliet previsti fil-paragrafu 3.

2. L-impatti operattivi enerġetiċi u ambjentali li għandhom jitqiesu għandhom jinkludu għall-inqas dawn li ġejjin:

(a) konsum tal-enerġija;

(b) emissjonijiet ta' $CO_2$; u

(ċ) emissjonijiet ta' $NO_x$, ta' NMHC u ta' materja partikulata.

Barra mill-impatti operattivi enerġetiċi u ambjentali msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kontraenti, l-entitajiet kontraenti u l-operaturi jistgħu wkoll jikkunsidraw impatti ambjentali oħrajn.

3. Ir-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu sodisfatti konformement mal-għażliet li ġejjin:

(a) billi jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi għall-prestazzjoni enerġetika u ambjentali fid-dokumentazzjoni għax-xiri ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq dwar kull waħda mill-impatti kkunsidrati, kif ukoll kwalunkwe impatt ambjentali addizzjonali; jew

(b) billi jiġu inklużi l-impatti enerġetiċi u ambjentali fid-deċiżjoni dwar xiri, fejn:

— f'każijiet fejn tiġi applikata proċedura ta' akkwist, dan għandu jsir billi jintużaw dawn l-impatti bħala kriterji għall-għoti tal-kuntratt; u

— f'każijiet fejn dawn l-impatti jiġu stmati fi flus għall-inklużjoni fid-deċiżjoni ta' xiri, għandha tintuża metodoloġija armonizzata prevista fl-Artikolu 6.

*Artikolu 6*

**Metodoloġija għall-kalkolu tal-ispejjeż ta' tul il-ħajja operattiva tal-vettura**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 5(3)(b), it-tieni inċiż, l-ispejjeż ta' tul il-ħajja operattiva għall-konsum tal-enerġija, kif ukoll għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ u l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu kif previst fit-Tabella 2 tal-Anness, li huma marbuta mat-tħaddim tal-vetturi li jinxtraw għandhom jiġu stmati fi flus u kkalkulati bl-użu tal-metodoloġija stabbilita fil-punti li ġejjin:

(a) L-ispejjeż tal-konsum operattiv ta' enerġija tal-vettura tul ħajjitha għandu jiġi kkalkulat bl-użu ta' din il-metodoloġija:

— il-konsum ta' karburant għal kull kilometru minn vettura taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jingħadd f'unitajiet ta' konsum tal-enerġija għal kull kilometru, kemm jekk dan jingħata b'mod dirett kif huwa l-każ perezempju għall-karozzi li jaħdmu bl-elettriku, kif ukoll jekk le. Meta l-konsum tal-karburant ikun preżentat f'unitajiet differenti, dan għandu jiġi msarraf f'konsum ta' enerġija għal kull kilometru, bl-użu tal-fatturi ta' konverżjoni kif previst fit-Tabella 1 tal-Anness għall-kontenut ta' enerġija tad-diversi karburanti;

— għandu jintuża valur monetarju uniku għal kull unità ta' enerġija. Dan il-valur uniku għandu jkun anqas mill-prezz mingħajr taxxa għal kull unità ta' enerġija tal-petrol jew diesel meta użat bħala karburant għat-trasport;

[1] ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1.

— l-ispiża ta' tul il-ħajja tal-konsum operattiv ta' enerġija ta' vettura għandha tiġi kkalkulata billi l-kilometraġġ ta' tul il-ħajja jiġi mmultiplikat, u fejn meħtieġ filwaqt li jitqies il-kilometraġġ diġà mwettaq, konformement mal-paragrafu 3 bil-konsum ta' enerġija għal kull kilometru skont l-ewwel inċiż ta' dan il-paragrafu, u bl-ispiża għal kull unità ta' enerġija skont it-tieni inċiż ta' dan il-punt.

(b) L-ispiża operattiva ta' tul il-ħajja għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' vettura għandha tiġi kkalkulata billi l-kilometraġġ ta' tul il-ħajja jiġi mmultiplikat, u fejn meħtieġ filwaqt li jitqies il-kilometraġġ diġà magħmul, taħt il-paragrafu 3 bl-emissjonijiet ta' $CO_2$ f'kilogrammi għal kull kilometru taħt il-paragrafu 2, u bl-ispiża għal kull kilogramm meħuda mill-iskala kif previst fit-Tabella 2 tal-Anness.

(ċ) L-ispiża operattiva ta' tul il-ħajja għall-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu, kif elenkati fit-Tabella 2 tal-Anness, ta' vettura għandha tiġi kkalkulata billi jingħaddu flimkien l-ispejjeż ta' tul il-ħajja għall-emissjonijiet ta' $NO_x$, ta' NMHC u ta' materja partikulata. L-ispiża ta' tul il-ħajja għal kull sustanza li tniġġes għandha tiġi kkalkulata billi l-kilometraġġ ta' tul il-ħajja jiġi mmultiplikat, fejn meħtieġ, filwaqt li jitqies il-kilometraġġ diġà magħmul, taħt il -paragrafu 3 bl-emissjonijiet fi grammi għal kull kilometru taħt il -paragrafu 2, u bl-ispiża għal kull gramm rispettiv. L-ispiża għandha tittieħed mill-valuri ta' medja tal-Komunita' stipulati fit-Tabella 2 tal-Anness.

L-awtoritajiet kontraenti, l-entitajiet kontraenti u l-operaturi msemmijin fl-Artikolu 3 jistgħu japplikaw spejjeż ogħla sakemm dawn l-ispejjeż ma jisbqux il-valuri rilevanti stipulati fit-Tabella 2 tal-Anness multiplikati b'fattur ta' 2.

2. Il-konsum tal-karburant, kif ukoll l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu kif stipulat fit-Tabella 2 tal-Anness għal kull kilometru tat-tħaddim tal-vettura għandhom ikunu bbażati fuq proċeduri ta' testijiet tal-Komunita' standardizzati għall-vetturi li għalihom tali proċeduri ta' testijiet huma definiti f'leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-Komunita'. Għall-vetturi li m'humiex koperti minn proċeduri ta' testijiet tal-Komunita' standardizzati, il-komparabbiltà bejn offerti differenti għandha tiġi żgurata bl-użu ta' proċeduri ta' testijiet ġeneralment rikonoxxuti, jew tar-riżultati tat-testijiet tal-awtorità, jew ta' informazzjoni fornita mill-manifattur.

3. Il-kilometraġġ totali ta' tul il-ħajja ta' vettura, jekk ma jiġix speċifikat mod ieħor, għandu jittieħed mit-Tabella 3 tal-Anness.

*Artikolu 7*

**Adattamenti għall-progress tekniku**

Il-Kummissjoni għandha tadatta d-*data* għall-kalkolu tal-ispejjeż ta' tul il-ħajja operattiva tal-vetturi tat-trasport fuq it-triq kif previst fl-Anness għall-inflazzjoni u għall-progress tekniku. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2).

*Artikolu 8*

**Skambju tal-aħjar prattika**

Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita u tistruttura l-iskambju ta' tagħrif u l-aħjar prattika bejn l-Istati Membri abbażi ta' prattika għall-promozzjoni tax-xiri ta' vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija għat-trasport bit-triq mill-awtoritajiet kontraenti, entitajiet kontraenti u operaturi msemmija fl-Artikolu 3.

*Artikolu 9*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 10*

**Rappurtar u reviżjoni**

1. Kull sentejn, b'effett mill-4 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u dwar l-azzjonijiet li jittieħdu mill-Istati Membri individwali biex jippromwovu x-xiri ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq li jkunu nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

2. Dawk ir-rapporti għandhom jevalwaw l-effetti tad-Direttiva, speċjalment tal-għażliet imsemmija fl-Artikolu 5(3), u l-ħtieġa ta' aktar azzjoni, u jinkludu proposti kif meħtieġ.

F'dawk ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tqabbel iċ-ċifri nominali u relattivi tal-vetturi mixtrija li jikkorrispondu mal-aqwa alternattiva tas-suq f'termini ta' enerġija tul il-ħajja operattiva u tal-impatti ambjentali, f'kull waħda mill-kategoriji tal-vetturi elenkati fit-Tabella 3 tal-Anness, mas-suq totali għal dawn il-vetturi, u tagħmel stima kif l-għażliet imsemmija fl-Artikolu 5(3) affettwaw is-suq. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-ħtieġa għal iktar azzjoni u tinkludi proposti kif meħtieġ.

3. Mhux aktar tard mid-data tal-ewwel rapport, il-Kummissjoni għandha teżamina l-għażliet imsemmija fl-Artikolu 5(3), tippreżenta evalwazzjoni tal-metodoloġija stipulata fl-Artikolu 6, u tipproponi aġġustamenti adatti jekk meħtieġ.

*Artikolu 11*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-4 ta' Diċembru 2010. Huma għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni dwarhom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b' tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 13*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, 23 ta' April 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | P. NEČAS |

*ANNESS*

**Data għall-kalkolu tal-ispejjeż operattivi esterni tal-ħajja operattiva tal-vetturi tat-trasport tat-triq**

*Tabella 1: Il-kontenut ta' enerġija ta' karburanti tal-magni*

| Karburant | Il-kontenut ta' enerġija |
|---|---|
| Diesel | 36 MJ/litru |
| Petrol | 32 MJ/litru |
| Gass Naturali/Biogass | 33-38 MJ/$Nm^3$ |
| Gass tal-pitrolju likwifikat (LPG) | 24 MJ/litru |
| Etanol | 21 MJ/litru |
| Biodiesel | 33 MJ/litru |
| Emulsjoni ta' karburanti | 32 MJ/litru |
| Idroġenu | 11 MJ/$Nm^3$ |

*Tabella 2: Spejjeż dovuti għall-emissjonijiet minn trasport tat-triq (prezzijiet tas-sena 2007):*

| $CO_2$ | $NO_x$ | NMHC | Materja partikulata |
|---|---|---|---|
| 0,03-0,04 EUR/kg | 0,0044 EUR/g | 0,001 EUR/g | 0,087 EUR/g |

*Tabella 3: Għadd ta' mili li l-vettura tat-trasport tat-triq tagħmel tul ħajjitha*

| Kategorija tal-vettura (il-kategoriji M u N kif definiti fid-Direttiva 2007/46/KE) | Għadd ta' mili li l-vettura tagħmel tul ħajjitha |
|---|---|
| Karozzi tal-passiġġieri ($M_1$) | 200 000 km |
| Vetturi kummerċjali ħfief ($N_1$) | 250 000 km |
| Vetturi kummerċjali tqal ($N_2$, $N_3$) | 1 000 000 km |
| Karozzi tal-linja ($M_2$, $M_3$) | 800 000 km |

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-28 ta' Jannar 2009**

**dwar l-għajnuna mill-Istat C 27/05 (ex NN 69/04) mogħtija għax-xiri tal-magħlef fir-reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia (L-Artikolu 6 tal-Liġi Reġjonali Nru 14 tal-20 ta' Awwissu 2003 u sejħa għall-espressjonijiet ta' interess ippubblikata mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste)**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 187)*

**(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)**

(2009/382/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 88(2), l-ewwel subparagrafu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati jressqu l-kummenti tagħhom f'konformità mal-Artikolu msemmi,

billi:

### I. PROĊEDURA

(1) B'ittra bid-data tat-2 ta' April 2004, is-servizzi tal-Kummissjoni, wara li rċevew informazzjoni, u wara lment, li l-Liġi Reġjonali Nru 14 tal-20 ta' Awwissu 2003 tar-Reġjun tal-Friuli-Venzia Giulia kienet tipprovdi għall-finanzjament lill-Kmamar tal-Kummerċ ta' Trieste u Gorizia sabiex jipprovdu għall-bżonnijiet tal-magħlef tal-impriżi agrikoli milquta min-nixfa tal-2003, talbu lill-awtoritajiet Taljani sensiela ta' kjarifikazzjonijiet dwar dan.

(2) Billi ma waslet l-ebda tweġiba fi żmien l-erba' ġimgħat mogħtija mill-awtoritajiet Taljani biex jikkomunikaw l-informazzjoni mitluba, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu nota ta' tfakkira b'ittra fis-26 ta' Mejju 2004.

(3) B'ittra tal-10 ta' Ġunju 2004, irreġistrata li waslet fil-15 ta' Ġunju 2004, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea għaddiet lill-Kummissjoni ittra mill-awtoritaijiet Taljani li jiddikjaraw li kienu bagħtu żewġ ittri lill-Kmamar tal-Kummerċ ta' Trieste u ta' Gorizia, fitt-30 ta' Settembru 2003 u fit-12 ta' Marzu 2004 rispettivament, sabiex jiġbdulhom l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li tiġi ppubblikata sejħa għall-espressjonijiet tal-interess għall-għajnuna prevista mill-Artikolu 6 tal-Liġi msemmija fuq u biex tintbagħat kopja tagħha lill-Kummissjoni.

(4) Abbażi ta' din l-infromazzjoni, b'ittra tat-28 ta' Ġunju 2004, il-Kummissjoni staqsiet lill-awtoritajiet Taljani jikkomunikawlha t-test taż-żewġ ittri kkonċernati u tas-sejħiet għall-espressjonijiet tal-interess imfassla miż-żewġ Kmamar tal-Kummerċ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni staqsiet jekk ingħatatx għajnuna u, jekk dan kien il-każ, kemm ingħataw flus u b'liema mod.

(5) B'ittra tas-27 ta' Settembru 2004, irreġistrata li waslet fid-29 ta' Settembru 2004, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea ikkomunikat lill-Kummissjoni t-testi u t-tagħrif mitluba fl-ittra tat-28 ta' Ġunju 2004.

(6) Billi deher ċar mill-informazzjoni li s-sejħiet għall-espressjonijiet tal-interess kienu ġa ġew ippubblikati mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste u kienet ġa ttieħdet azzjoni dwarhom u li, barra minn hekk, l-għajnuna li l-Kmamar tal-Kummerċ setgħu jħallsu jew kienu ħallsu ma kinitx prevista fl-iskema ta' għajnuna ġenerali tal-Kmamar, approvata mill-Kummissjoni taħt għajnuna tal-Istat N 241/01, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ fajl tal-għajnuna mhux notifikat bin-numru NN 69/04.

(7) Permezz ta' ittra tat-12 ta' Novembru 2004, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu lill-awtoritajiet Taljani informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna kkonċernata.

(8) Fl-istess jum, il-Kummissjoni rċeviet ittra mingħand l-awtoritajiet Taljani b'informazzjoni li kienet tikkompleta dik mitluba fl-ittra tat-28 ta' Ġunju 2004 (ara il-premessa 4).

(9) B'ittra tas-6 ta' Jannar 2005, irreġistrata li waslet fil-11 ta' Jannar 2005, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea ikkomunikat lill-Kummissjoni ittra tal-awtoritajiet Taljani li fiha dawn tal-aħħar talbu li tiġi estiza l-iskadenza mogħtija lilhom sabiex ifornu informazzjoni kumplimentari għall-għajnuniet inkwistjoni, sabiex tiġi eżaminata mill-ġdid il-leġiżlazzjoni reġjonali kkonċernata.

(10) Is-servizzi tal-Kummisjoni, b'ittra tal-25 ta' Jannar 2005, ikkonċedew estensjoni ta' xahar.

(11) B'ittra tal-21 ta' Frar 2005, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea ikkomunikat lill-Kummissjoni ittra tal-awtoritajiet Taljani li fiha dawn tal-aħħar speċifikaw li l-Kamra tal-Kummerċ ta' Gorizia ma kinitx implimentat l-għajnuniet previsti u ma kellhiex ħsieb tagħmel dan (din l-ittra kienet akkumpanjata minn Deċiżjoni tal-Kamra tal-Kummerċ li tikkonferma dan).

(12) B'ittra tat-28 ta' Frar 2005, irreġistrata li waslet fl-1 ta' Marzu 2005, u b'ittra tat-30 ta' Marzu 2005, irreġistrata li waslet fil-31 ta' Marzu 2005, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea ikkomunikat lill-Kummissjoni informazzjoni kumplimentari għall-għajnuniet mogħtija mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste.

(13) B'ittra tat-22 ta' Lulju 2005 [1] il-Kummissjoni għarrfet lill-Italja bid-deċiżjoni li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat għax-xiri tal-magħlef prevista mill-Artikolu 6 tal-Liġi Reġjonali Nru 14 tal-20 ta' Awwissu 2003 u suġġett ta' sejħa għall-espressjoni tal-interess ippubblikata mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste.

(14) Id-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ġiet ippubblikata fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jressqu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżura kkonċernata.

(15) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda osservazzjoni mill-partijiet interessati.

## II. DESKRIZZJONI

(16) L-Artikolu 6 tal-Liġi Reġjonali tal-Friuli-Venzia Giulia tal-20 ta' Awwissu 2003 nru 14, (minn issa 'l quddiem il-liġi reġjonali Nru 14) tistabbilixxi li l-awtoritajiet reġjonali huma awtorizzati jagħtu finanzjament speċjali ta' EUR 170 000 lill-Kamra tal-Kummerċ, l-Industrija, l-Artiġjanat u l-Agrikoltura ta' Trieste u ta' EUR 80 000 lill-Kamra tal-Kummerċ, l-Industrija, l-Artiġjanat u l-Agrikoltura ta' Goriza, sabiex ilaħħqu mal-bżonnijiet eċċezzjonali konnessi mat-tagħlif tal-bhejjem fl-impriżi agrikoli li ntlaqtu min-nixfa tal-2003 u li jinsabu f'żoni li mhumiex imqabbda ma' stallazzjonijiet komuni tat-tisqija.

(17) L-istedina għall-espressjoni tal-interess ippubblikata mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste tipprevedi appoġġ finanzjarju lill-impriżi agrikoli tal-provinċja ta' Trieste li ntlaqtu min-nixfa tal-2003 u li, billi ma setgħux isaqqu l-art b'sistema ta' tisqija komuni, tilfu mill-produzzjoni mill-inqas 20 % fiż-żoni żvantaġġati u 30 % fiż-żoni l-oħra. Dan l-appoġġ jissarraf f'għajnuna għax-xiri tal-magħlef meħtieġ għall-bhejjem.

(18) L-għajnuna tingħata fuq preżentazzjoni ta' fatturi għax-xiri tal-magħlef bejn l-1 ta' Mejju u l-20 ta' Novembru 2003 u tkopri l-ammont ta' magħlef meħtieġ għall-ħtiġijiet nutrittivi għal kull bhima (UB) li hemm fl-impriża u li hi proprjetà tar-raħħal. UB tirrappreżenta unitajiet ta' bovini, ovini, kaprini u suini mrobbija għall-qatla jew użati għax-xogħol; fil-każ tal-annimali għall-qatla, huma kkonċernati biss dawk imrobbija minn raħħala full-time jew sidien diretti rreġsitrati mal-INPS (Istituto nazionale per la previdenza sociale) għas-settur agrikolu. It-terminu "magħlef" jindika kul tip ta' ħuxlief imnixxef.

(19) L-għajnuniet jistgħu jitħallsu sakemm jiġi eżawrit il-fond maħluq għal dan il-għan u jistgħu jingħataw lil kull impriża stabbilita fil-provinċja ta' Trieste li titlob għalihom.

(20) Il-massimu ta' magħlef li jitħallass lura għal kull bhima huwa ta' 1 500 kg. Il-prezz ta' referenza użat għall-kalkolu tal-għajnuna huwa ta' EUR 20, minbarra l-VAT. Jekk l-għadd ta' talbiet jaqbeż it-tbassir, l-għajnuna individwali titnaqqas proporzjonalment għal kull bhima.

(21) Fil-każ li l-impriżi jitlobu u jingħataw għajnuniet oħra għat-telf minħabba n-nixfa tal-2003, l-ammont tal-għajnuna previst fis-sejħa tal-espressjoni tal-interess jitnaqqas skont dan.

[1] Ara l-ittra SG(2005)-Greffe D/203816.
[2] ĠU C 233, 22.9.2005, p. 5.

III. **BIDU TAL-PROĊEDURA STABBILITA FL-ARTIKOLU 88(2) TAT-TRATTAT**

(22) Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat billi kellha dubju dwar jekk il-miżuri ta' għajnuna kkonċernati kinux kompatibbli mas-suq komuni. Id-dubji mqajma kienu dawn:

(a) abbażi tad-dispożizzjonijiet li ġiet infurmata dwarhom, il-Kummissjoni ma setgħitx tasal għall-konklużjoni li l-limiti tat-telf ġew stabbiliti strettament f'konformità mal-punt 11.3 tal-linjigwida Komunitarji dwar l-għajnuna tal-Istat fis-settur agrikolu ([1]) (minn issa 'l quddiem: il-linjigwida) u għalhekk ma setgħitx teskludi li setgħet tħallset għajnuna lil ċerti bdiewa li ma kinux ikunu eliġibbli li kieku l-limitu tat-telf ġie kkalkulat kif stipulat f'dak il-punt;

(b) il-metodu attwali użat għall-kalkolu tal-għajnuna lanqas kien jikkorrispondi għal dak previst fil-punt 11.3 tal-linjigwida, minħabba li dan kien ibbażat biss fuq parametru ta' prezz għal kull unità ta' piż mixtrija; barra minn hekk, l-għajnuna kellha titħallas abbażi tal-fatturi tax-xiri tal-magħlef, iżda fis-sejħa għall-espressjoni tal-interess tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste ma kienx speċifikat li x-xiri kellu jkun limitat għall-ammont tal-magħlef effettivament mitluf minħabba n-nixfa;

(c) skont il-punt 11.3 tal-linjigwida, lill-ammont tal-għajnuna għandu wkoll jitnaqqaslu l-ammont ta' kwalunkwe ħlas dirett. Madankollu, l-awtoritajiet Taljani ma taw l-ebda tagħrif dwar dan, u għalhekk ma setax jiġi eskluż riskju ta' kumpens żejjed għat-telf imġarrab;

(d) skont l-istess punt tal-linjigwida, l-ammont ta' għajnuna mħallas għandu jitnaqqaslu kwalunkwe ammont irċevut minn skemi tal-assigurazzjoni, u għandhom jitqiesu wkoll l-ispejjeż normali mhux imġarrba mill-bidwi, pereżempju meta ma jkunx sar il-ħsad tal-għalqa,; madankollu, l-awtoritajiet Taljani ma taw l-ebda tagħrif dwar dan, li jkompli jsaħħaħ id-dubji dwar ir-riskju ta' kumpens żejjed

IV. **OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET TALJANI**

(23) B'ittra tas-26 ta' Settembru 2005, irreġistrata li waslet fis-27 ta' Settembru 2005, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea bagħtet lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet tal-awtotitajiet Taljani wara li nbdiet il-proċedura msemmija fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat fir-rigward tal-għajnuniet inkwistjoni.

(24) F'dawn l-osservazzjonijiet, l-awtoritajiet Taljani jispeċifikaw qabel kollox li n-nixfa tal-2003 ġiet iddikjarata "kundizzjoni atmosferika avversa" mir-Reġjun Friuli-Venezia Giulia b'digriet tal-President tar-reġjun tas-16 ta' Settembru 2003, n. 0329/Pres, u kkonfermata minn dejta meteoroloġika tal-osservatorju meteroloġiku reġjonali, u kienet is-suġġet ta' fajl tal-għajnuna mill-Istat notifikat mill-Kummissjoni u approvat minnha (fajl N 262/04).

(25) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani jirrikonoxxu li l-metodu użat mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste għall-kalkolu tat-telf imġarrab mill-bdiewa tal-Provinċja ta' Trieste mhuwiex konformi mad-dispożizzjonijiet tal-punt 11.3 tal-linjigwida. Jispeċifikaw mandakollu li wara li nbdiet il-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat, il-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste ivverifikat il-limiti għat-telf tal-produzzjoni għal kull impriża li rċeviet l-għajnuna (43 impriża), skont tqabbil tal-produzzjoni medja tal-magħlef tul it-tliet snin mill-2000 sal-2002 (li fihom ma tħallsux kumpensi għal telf minħabba kundizzjonijiet atmosferiċi avversi) u l-kwantitajiet tal-magħlef maħsuda fl-2003. Skont l-awtoritajiet imsemmija, l-informazzjoni miksuba wriet li f'kull każ it-telf kien ogħla mil-limiti minimi li jintitolaw għall-għajnuna (20 % fiż-żoni żvantaġġati u 30 % fiż-żoni l-oħra).

(26) L-awtoritajiet Taljani jgħidu wkoll li kkalkulaw l-għajnuna li setgħet tħallset skont il-linjigwida. Għal dan il-għan, użaw l-informazzjoni mogħtija fid-deċiżjoni Nru 1535 tat-23 ta' Mejju 2003 tal-Eżekuttiv Reġjonali fir-rigward tal-kwantità medja u l-prezz medju tal-magħlef fit-tliet snin bejn l-2000 u l-2002. Miċ-ċifra miksuba, naqqsu l-produzzjoni attwali ddikjarata għal kull impriża għall-2003, immoltiplikata bil-prezz medju mħallas għal dik is-sena. Dawn il-kalkoli kollha tniżżlu f'tabella li turi l-ammonti ta' għajnuna mħallsa, l-ammonti ta' għajnuna li setgħet ġiet approvata skont il-linjigwida u l-ammonti tal-għajnuna *de minimis* li għad tista' titħallas lill-benefiċjarji tal-għajnuna skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1860/2004 tas-6 ta' Ottubru 2004 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar l-għajnuna *de minimis* fl-oqsma tal-agrikolatura u s-sajd ([2]). Minn din it-tabella, wieħed jista' jara li jekk l-għajnuna *de minimis* tiġi kumulata mal-għajnuna li tista' tingħata skont il-linjigwida, żewġ bdiewa biss irċevew għajnuna li kienet akbar mit-telf imġarrab, li l-awtoriatjiet Taljani impenjaw irwieħhom li jirkupraw.

(27) F'dak li għandu x'jaqsam mad-dubji l-oħra mqajma mill-Kummissjoni meta tat bidu għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat, l-awtoritajiet Taljani jispjegaw li l-benefiċjari tal-għajnuna kkonċernata ma rċevewx għajnuna diretta għall-magħlef jew xi ammont taħt skemi ta' assigurazzjoni. Jispjegaw ukoll li l-benefiċjarji ġarrbu l-ispejjeż għall-ħsad u t-trasport tal-magħlef, billi xi magħlef ġie prodott.

---

([1]) ĠU C 28, 1.2.2000, p. 2.

([2]) ĠU L 325, 28.10.2004, p. 4. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 348M, 24.12.2008, p. 10.

(28) Fl-aħħarnett, l-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li l-bdiewa kollha li gawdew mill-għajnuna inkwistjoni ġew mgħarrfa bl-għoti ta' bidu tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat fil-konfront tal-miżura inkwistjoni.

V. **VALUTAZZJONI**

(29) Skont l-Artikolu 87, il-paragrafu 1 tat-Trattat, kull għajnuna mogħtija minn Stati Membri jew permezz ta' riżorsi tal-Istat f'kull għamla tkun xi tkun li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti titqies, minħabba li taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri, bħala inkompatibbli mas-suq komuni. L-għajnuniet previsti mill-Liġi Reġjonali n 14 jidħlu f'din id-definzzjoni, fis-sens li jingħataw minn awtorità lokali, jiffavorixxu l-produzzjoni ta' ċerti oġġetti (bhejjem, billi l-għajnuna għax-xiri tal-magħlef hija sabiex l-annimali jkunu jistgħu jiġu mitmugħa) u jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri fid-dawl tal-pożizzjoni tal-Italja fil-produzzjoni ta' dawn l-oġġetti (pereżempju, l-Italja kienet responsabbli għal 13.3. % tal-produzzjoni Komunitarja taċ-ċanga u l-vitella fl-2006, li jagħmilha t-tielet l-akbar produttur taċ-ċanġa u l-vitella fil-Komunità).

(30) Madankollu, fil-każi previsti milli-Artikolu 87(2) u (3) tat-Trattat, xi miżuri jistgħu jgawdu minn derogi u jiġu kkunsidrati kompatibbli mas-suq komuni.

(31) Fil-każ speċifiku, jekk titqies in-natura tal-għajnuna (għajnuna biex il-bdiewa jiġu kkumpensati għat-telf ikkawżat mill-kundizzjonijiet klimatiċi avversi), l-unika deroga li tista tapplika hija dik tal-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE, li jawtorizza l-għajnuniet maħsuba biex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ċerti reġjuni ekonomiċi, dejjem sakemm din l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad tali li jkun kuntrarju għall-interess komuni (id-deroga tal-Artikolu 87(2)(b) tat-Trattat tapplika fil-każ ta' diżastri naturali attwali iktar milli għal avvenimenti assimilati; kif indikat fil-linjigwida, il-Kummissjoni dejjem kienet tal-fehma li n-nixfa fiha nfisha ma tistax titqies bħala diżastru naturali skont it-tifsira tal-Artikolu 87(2)(b) tat-Trattat).

(32) Sabiex tiġi applikata d-deroga msemmija, l-għajnuna kkonċernata, illegali skont l-Artikolu 1(f) tar-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE. ([1]), għandhom jiġu analizzati skont il-kriterji sostantivi stipulati fi kwalunkwe strument fis-seħħ fiż-żmien meta l-għajnuna ingħatat skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat mogħtija illegalment ([2]).

(33) F'dan il-każ, ir-regoli li japplikaw għall-għajnuna inkwistjoni fil-mument li din tingħata qegħdin stipulati fil-punt 11.3 tal-linjigwida. Skont dan il-punt:

(a) it-telf irid jilħaq ċertu limitu, iffissat għal 20 % tal-produzzjoni normali fiż-żoni żvantaġġati u 30 % fiż-żoni l-oħra; il-kalkolu tat-telf irid isir għal kull impriża;

(b) il-limiti msemmija fuq għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' tqabbil bejn il-produzzjoni gross tal-għalla speċifika fis-sena inkwistjoni mal-produzzjoni gross f'sena normali; il-produzzjoni gross ġeneralment tiġi kkalkulata b'referenza għall-produzzjoni gross medja fit-tliet snin ta' qabel, u tkun eskluża kull sena li fiha ġie mħallas kumpens bħala riżultat ta' kundizzjonijiet tat-temp oħra avversi; jistgħu jiġu aċċettati metodi alternattivi ta' kalkolu tal-produzzjoni normali, inklużi valuri ta' referenza reġjonali, dejjem sakemm ikunu rappreżentattivi u mhux ibbażati fuq rendimenti annormalment għoljin;

(c) sabiex jiġu evitati kumpensi eċċessivi, l-ammont ta' għajnuna pagabbli ma għandux jaqbeż il-livell medju ta' produzzjoni tul perjodu normali, immoltiplikat bil-prezz medju tul l-istess perjodu nieqes il-produzzjoni attwali fis-sena li fiha seħħ l-avveniment, immoltiplikat bil-prezz medju għal dik is-sena;

(d) l-ammont tal-għajnuna għandu wkoll jitnaqqas bl-ammont ta' kwalunkwe ħlas dirett ta' għajnuna;

(e) l-ammont tal-għajnuna għandu wkoll jitnaqqas bl-ammonti ġejjin minn skemi ta' assigurazzjoni; iridu wkoll jitqiesu l-ispejjeż normali mhux imġarrba mill-bidiwi, bħal fil-każ li ma jkunx hemm bżonn li jsir il-ħsad tal-għalqa.

(34) F'dak li għandu x'jaqsam mal-osservanza tal-ewwel żewġ kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tosserva li l-awtoritajiet Taljani stabbilew l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' nixfa skont informazzjoni meteoroloġika xierqa. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kobor tat-telf ikkawżat mill-kundizzjonijiet atmosferiċi avversi, il-Kummissjoni l-ewwelnett tinnota li l-awtoritajiet Taljani jirrikonoxxu li l-metodu użat għall-kalkolu tat-telf imġarrab mill-bdiewa tal-Provinċja ta' Trieste mhuwiex konformi mad-dispożizzjonijiet tal-punt 11.3 tal-linjigwida. Hi ma tista' tagħmel xejn ħlief tikkonferma dan, peress li s-sejħa għall-espressjoni tal-interess tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste tistipola sempliċment il-limitu tat-telf li lil hinn minnu tista' tingħata l-għajnuna, iżda ma tispeċifikax il-metodu għall-kalkolu tat-telf.

([1]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.
([2]) ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

(35) B'dan, skont l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Taljani wara li ngħata bidu għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat, bl-applikazzjoni tal-metodu stipulat fil-punt 11.3 tal-linjigwida, jiġifieri, f'dan il-każ, tqabbil tal-produzzjoni medja tal-magħlef fil-perjodu mill-2000 sal-2002 (li fih ma tħallas l-ebda kumpens għat-telf ikkawżat mill-kundizzjonijiet klimatiċi avversi) u l-produzzjoni tal-magħlef fl-2003, it-telf kien aktar mil-limiti minimi stipulati biex ikun hemm dritt għall-għajnuna (20 % fiż-żoni żvantaġġati u 30 % f'żoni oħra) għal kull impriża li rċeviet l-għajnuna.

(36) Fir-rigward tal-metodu attwali tal-kalkolu tal-għajnuna, (u għalhekk il-konformità mat-tielet kundizzjoni msemmija fuq), il-Kummissjoni tosserva li l-metodu użat ma jimxix mal-linjigwida, minħabba li l-għajnuna tħallset fuq preżentazzjoni ta' fatturi għal xiri ta' magħlef li sar bejn l-1 ta' Mejju u l-20 ta' Novembru 2003, għall-kwantitajiet meħtieġa biex jissodisfaw il-bżonnijiet nutrittivi normali għal kull bhima preżenti fuq il-farm, filwaqt li skont il-linjigwida, l-ammont ta' għajnuna pagabbli ma għandux jaqbeż il-livell medju ta' produzzjoni tul perjodu normali, immoltiplikat bil-prezz medju tul l-istess perjodu nieqes il-produzzjoni attwali fis-sena li fiha seħħ l-avveniment, immoltiplikat bil-prezz medju għal dik is-sena.

(37) L-informazzjoni kkomunikata mill-awtoritajiet Taljani wara l-bidu tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat turi li l-metodu tal-kalkolu użat mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste wassal f'bosta każi (12 minn 43) għal ħlas ogħla ta' għajnuna milli kien jirriżulta mill-użu tal-metodu tal-kalkolu stipulat fil-linjigwida.

(38) Billi l-metodu tal-kalkolu użat mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste irriżulta f'aktar minn 25 % tal-każi f'ammonti żejda ta' għajnuna aktar milli seta' tħallas skont il-punt 11.3 tal-linjigwida, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta dan il-metodu.

(39) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet l-oħra stipulati fil-punt 11.3 tal-linjigwida (u għalhekk il-konformità mar-raba' u l-ħames kundizzjonijiet imsemmija fuq), il-Kummissjoni tinnota d-dikjarazzjoni tal-awtoritajiet Taljani li l-benefiċjarji tal-għajnuna inkwistjoni ma rċevewx għajnuna diretta għall-magħlef jew xi ammont taħt skemi ta' assigurazzjoni, u li l-benefiċjarji ġarrbu spejjeż għall-ħsad u t-trasport tal-magħlef, billi ġie prodott xi magħlef. Dan ifisser li l-kundizzjonijiet ikkonċernati mhumiex rilevanti f'dan il-każ.

## VI. **KONKLUŻJONI**

(40) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet t'hawn fuq, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta li l-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-punt 11.3 ġew sodisfatti billi, kif mistqarr fil-punt 38, il-metodu tal-kalkolu użat mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste f'bosta każi irriżulta f' ammonti ogħla minn dawk li setgħu tħallsu kieku ma sarx kumpens żejjed.

(41) L-għajnuniet mogħtija mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste għax-xiri tal-magħlef wara n-nixfa tal-2003 ma jistgħux għalhekk igawdu mid-deroga prevista fl-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat, fir-rigward tal-parti li hija ogħla mill-ammont li seta' jgawdi mid-deroga msemmija, li kieku intuża l-metodu ta' kalkolu tal-għajnuniet previst mill-punt 11.3 tal-linjigwida. Il-parti tal-għajnuna li ma taqbiżx l-ammont imsemmi hija madankollu kompatibbli mas-suq komuni, billi tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbilitiu mil-linjigwida.

(42) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju. L-Italja hija għalhekk obbligata tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tirkupra dawn l-għajnuniet mill-benefiċjarji. Skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 42 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata Għajnuna mill-Istat inkompatibbli li ngħatat kontra l-liġi", [1] l-Italja għandha terminu ta' erba' xhur li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni biex twettaq dawn id-dispożizzjonijiet. L-għajnuniet li għandhom jiġu rkuprati jinkludu l-imgħaxijiet ikkalkulati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 [2].

(43) Madankollu, kull għajnuna individwali mogħtija skont l-iskema attwali tal-għajnuna u li fil-waqt tal-konċessjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati minn regolament tal-Kummissjoni adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 [3] tal-Kunsill (ir-Regolament *de minimis*), titqies bħala li ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

(44) Skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 49 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata Għajnuna mill-Istat inkompatibbli li ngħatat kontra l-liġi", biex jikkwantifika l-ammont preċiż tal-għajnuna li għandha tkun irkuprata minn kull benefiċjarju individwali fl-ambitu tal-iskema, l-Istat Membru jista' japplika wkoll il-kriterji sostantivi *de minimis* applikabbli fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna illegali u inkompatibbli li tkun is-suġġett tad-deċiżjoni ta' rkupru.

[1] ĠU C 272, 15.11.2007, p. 11.
[2] ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.
[3] ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.

(45) Meta ngħataw l-għajnuniet mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste, ma kinux jeżistu n-normi Komunitarji dwar l-għajnuniet *de minimis* fis-settur agrikolu.

(46) L-ewwel dispożizzjonijiet Komunitarji li ġew adotatti f'dan il-qasam kienu dawk tarr-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1860/2004

(47) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1860/2004, l-għajnuniet li fit-tliet snin ma jaqbżux it-3 000 EUR l-benefiċjarju (dan l-ammont jinkludi l-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża), ma jaffetwawx il-kummerċ bejn l-Istati Membri, u lanqas ma jgħawġu jew jheddu li jgħawġu l-kompetizzjoni u għalhekk ma jidħlux fl-ambitu tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

(48) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004, japplika l-istess prinċipju għall-għajnuniet mogħtija qabel ma daħal fis-seħħ dan ir-regolament, jekk dawn tal-aħħar jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikoli 1 sa 3.

(49) Fil-każ inkwistjoni, l-għajnuniet individwali ta' mhux aktar min EUR 3 000 se jitqiesu bħala li ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat skont it-tifisra tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat, jekk, fil-waqt li ngħataw, kienu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004. Dan ta' hawn fuq japplika biss għall-ammonti li ma jaqbżux it-3 000 EUR attwalment imħallsa fi ħdan l-iskema kkonċernata. L-awtoritajiet Taljani ma jistgħux isostnu li l-għadd tal-każi ta' rkupru jista' jiġi limitat permezz tat-tnaqqis, fit-12-il każ ta' kumpens żejjed, mill-ammont li kull parti interessata rċeviet skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004 billi, jekk l-ammont tal-għajnuna mogħtija fl-ambitu tal-iskema jabeż il-massimu *de minimis*, ma jistax igawdi mid-dispożizzjonijiet tar-regolament *de minimis*, lanqas għall-parti li ma taqbiżx il-limitu massimu msemmi.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iskema ta' għajnuna għax-xiri tal-magħlef implimentata illegalment mill-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste (l-Italja, reġjun Friuli-Venezia Giulia), bi ksur tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat, mhix kompatibbli mas-suq komuni, billi tippermetti għajnuna li taqbeż dik li tirriżulta skont il-metodu ta' kalkolu tal-għajnuniet previst mill-punt 11.3 tal-linjigwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu. L-għajnuniet mogħtija skont l-iskema huma kompatibbli mas-suq komuni sal-ammont li jirriżulta mill-metodu ta' kalkolu tal-għajnuniet previst mill-punt 11.3 tal-linjigwida msemmija u inkompatibbli għall-parti li taqbeż dak l-ammont.

*Artikolu 2*

Għajnuna individwali mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 ma tikkostitwix għajnuna jekk, fil-ħin li tingħata, hija tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati mir-regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 li huwa applikabbli fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna.

*Artikolu 3*

1. Il-Kamra tal-Kummerċ ta' Trieste (l-Italja) għandha tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajnuniet inkompatibbli mogħtija skont l-iskema mfissra fl-Artikolu 1.

2. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandu jkollhom magħduda magħhom l-imgħaxijiet mid-data meta tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sad-data meta ġew irkuprati.

3. L-imgħaxijiet għandhom ikunu kkalkolati skont l-iskema tal-imgħax kompost tal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 [1] li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

*Artikolu 4*

1. L-irkupru tal-għajnuna mogħtija fil-kuntest tal-iskema msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. L-Italja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tkun implimentata fi żmien erba' xhur mid-data ta' notifika.

*Artikolu 5*

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Italja għandha tressaq l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) l-ammont totali (kapital u imgħax) li għandhom jiġu rkuprati mingħand kull benefiċjarju;

(b) id-deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex is-sitwazzjoni ssir konformi ma' din id-Deċiżjoni;

(ċ) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarji ġew ordnati jħallsu lura l-għajnuna.

2. L-Italja għandha żżomm il-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu biex tkun implimentata din id-Deċiżjoni sakemm l-għajnuna mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 tkun irkuprata. Hija għandha tibgħat minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, l-informazzjoni dwar il-miżuri li diġà jkunu ttieħdu u dawk ippjanati biex is-sitwazzjoni ssir konformi ma' din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu wkoll jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-ammont ta' għajnuna u l-interessi għall-irkupru diġà koperti mingħand il-benefiċjarji.

[1] ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Italja.

Magħmul fi Brussell, 28 ta’ Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-14 ta' Mejju 2009

## li tissospendi d-dazji definittivi ta' anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/2004 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' glyphosate li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(2009/383/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]), ("ir-Regolament bażiku"), u b' mod partikolari l-Artikolu 14(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROĊEDURA

(1) Wara investigazzjoni ta' reviżjoni mwettqa skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku ("investigazzjoni ta' reviżjoni"), il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1683/2004 ([2]) impona dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' glyphosate li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 2931 00 95 (kodiċi tat-TARIC 2931 00 95 82) u ex 3808 93 27 (kodiċi tat-TARIC 3808 93 27 19) (il-prodott ikkonċernat), kif estiżi għall-importazzjonijiet ta' glyphosate kkunsinnati mill-Malażja (kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kemm jekk le) (kodiċijiet tat-TARIC 2931 00 95 81 u 3808 93 27 11) apparti dawk prodotti minn Crop protection (M) Sdn. Bhd., Lot 746, Jalan Haji Sirat 4 ½ Mili, off Jalan Kapar, 42100 Klang, Selangor Darul Ehsan, Malaysia (kodiċi addizzjonali tat-TARIC A 309) u kif estiż għall-importazzjonijiet ta' glyphosate kkunsinnati minn Tajwan (kemm jekk iddikjarati li joriġinaw minn Tajwan kemm jekk le) (kodiċijiet tat-TARIC 2931 00 95 81 u 3808 93 27 11) apparti dawk prodotti minn Sinon Corporation, No 23, Sec. 1, Mei Chuan W. Rd, Taichung, Taiwan (kodiċi addizzjonali tat-TARIC A 310). Ir-rata tad-dazju ta' anti-dumping hi ta' 29,9 %.

(2) AUDACE, l-assoċjazzjoni ta' utenti u ta' distributuri tal-prodott ikkonċernat, ippreżentat informazzjoni dwar bidla fil-kundizzjonijiet tas-suq li seħħet wara li spiċċa l-perjodu tal-investigazzjoni ta' reviżjoni (jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2002), u allegat li bidliet ta' din ix-xorta għandhom jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-miżuri attwalment fis-seħħ, skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, il-Kummissjoni eżaminat jekk din is-sospensjoni kinitx mistħoqqa.

### B. RAĠUNIJIET

(3) L-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku jistipula li, fl-interess Komunitarju, il-miżuri anti-dumping jistgħu jiġu sospiżi minħabba li l-kundizzjonijiet tas-suq ikunu nbidlu temporanjament u li ma jkunx probabbli li l-ħsara terġa' tibda mill-ġdid b'riżultat ta' din is-sospensjoni, dejjem jekk l-industrija Komunitarja tkun ingħatat l-opportunità li tikkummenta u li dawn il-kummenti jkunu ġew ikkunsidrati. L-Artikolu 14(4) jispeċifika wkoll li dawn il-miżuri ta' anti-dumping jistgħu jerġgħu jiddaħħlu fi kwalunkwe ħin jekk ir-raġuni ta' sospensjoni ma tibqax applikabbli.

(4) Fir-rigward tal-industrija Komunitarja, hu nnotat li s-sitwazzjoni tagħha tjiebet sal-ewwel nofs tal-2008. Minħabba żieda qawwija fil-prezzijiet fis-suq tal-UE, żieda fil-volum u l-valur tal-bejgħ, u l-ispejjeż relattivament stabbli tal-produzzjoni, il-profitti mogħtija bħala persentaġġ tal-fatturat żdied b'mod sinifikanti. Dawn it-tendenzi pożittivi huma kkonfermati b'aktar ċifri reċenti għall-produtturi prinċipali tal-Komunità, li jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tal-produzzjoni tal-industrija Komunitarja u tal-volum ta' bejgħ. Abbażi tal-informazzjoni tas-suq attwalment disponibbli, mhux mistenni li se tinbidel din is-sitwazzjoni b'mod sostanzjali f'każ ta' sospensjoni tal-miżuri.

(5) L-industrija tal-Komunità kkonfirmat li, attwalment, il-livell tal-prezzijiet tagħha fis-suq tal-UE jibqa' b'mod ġenerali l-istess għalkemm il-prezzijiet tal-esportazzjoni mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina waqgħu b'mod sostanzjali minn Lulju 2008.

(6) Il-kapaċità li dejjem qed tiżdied tal-produzzjoni u tal-output fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jista' jkollhom effett 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-glyphosate tal-UE fit-tul medju jew twil ta' żmien. Madankollu, l-informazzjoni attwali turi li dan l-effett hu mistenni li b'mod wiesa' jiġi assorbit minn domanda dinjija li dejjem qed tikber.

(7) Ma nstabet ebda indikazzjoni għalfejn is-sospensjoni ma tkunx fl-interess Komunitarju.

---

([1]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

([2]) ĠU L 303, 30.9.2004, p. 1.

(8) Bħala konklużjoni, minħabba l-bidla temporanja fil-kundizzjonijiet tas-suq, u b'mod partikolari l-livell attwali tal-prezzijiet fis-suq tal-Komunità, flimkien mal-livelli attwali għolja ta' profitt tal-industrija tal-Komunità minkejja t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-esportazzjonijiet mill-industrija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fix-xhur reċenti, jitqies li d-dannu marbut mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina mhux probabbli li jibda mill-ġdid bħala riżultat tas-sospensjoni. Għalhekk qed jiġi propost li l-miżuri fis-seħħ jiġu sospiżi għal disa' xhur skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku.

## C. **KONSULTAZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ**

(9) Skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni infurmat lill-industrija Komunitarja dwar l-intenzjoni tagħha li tissospendi l-miżuri anti-dumping fis-seħħ. L-industrija tal-Komunità ngħatat l-opportunità biex tikkummenta u tqiesu l-kummenti tagħha.

## D. **KONKLUŻJONI**

(10) Il-Kummissjoni għalhekk tqis li r-rekwiżiti kollha għas-sospensjoni tad-dazju anti-dumping impost fuq il-prodott ikkonċernat intlaħqu, bi qbil mal-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, id-dazju anti-dumping li kien impost mir-Regolament (KE) Nru 1683/2004 għandu jiġi sospiż għal perjodu ta' disa' xhur.

(11) Jekk is-sitwazzjoni li wasslet għas-sospensjoni sussegwentement tinbidel, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi mill-ġdid il-miżuri anti-dumping billi tneħħi s-sospensjoni tad-dazji anti-dumping minnufih,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Wara d-dazju definittiv anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 1683/2004 fuq l-importazzjonijiet ta' glyphosate, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 2931 00 95 (kodiċi tat-TARIC 2931 00 95 82) u ex 3808 93 27 (kodiċi tat-TARIC 3808 93 27 19) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiżi għall-importazzjonijiet ta' glyphosate kkunsinnati mill-Malażja (kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja jew le) (kodiċijiet tat-TARIC 2931 00 95 81 u 3808 93 27 11) apparti dawk prodotti minn Crop protection (M) Sdn. Bhd., Lot 746, Jalan Haji Sirat 4 ½ Mili, off Jalan Kapar, 42100 Klang, Selangor Darul Ehsan, Malaysia (kodiċi addizzjonali tat-TARIC A 309) u kif estiż għall-importazzjonijiet ta' glyphosate ikkunsinnati minn Tajwan (kemm jekk iddikjarati li joriginaw minn Tajwan kemm jekk le) (kodiċijiet tat-TARIC 2931 00 95 81 u 3808 93 27 11) apparti dawk prodotti minn Sinon Corporation, No 23, Sec. 1, Mei Chuan W. Rd, Taichung, Taiwan (kodiċi addizzjonali tat-TARIC A 310), qed jiġi sospiż għal disa' xhur.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 14 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Catherine ASHTON

*Membru tal-Kummissjoni*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-30 ta' April 2009**

**dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/384/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tal-Artikolu 211 tiegħu,

Billi:

(1) It-teħid ta' riskji eċċessivi fl-industrija tas-servizzi finanzjarji u b'mod partikolari f'banek u f'kumpaniji ta' investiment ikkontribwixxa għall-falliment ta' impriżi finanzjarji u għal problemi sistemiċi fl-Istati Membri u madwar id-dinja kollha. Dawn il-problema nfirxu anke fil-bqija tal-ekonomija u wasslu għal kost għoli għas-soċjetà.

(2) Minkejja li ma kinux il-kawża ewlenija tal-kriżi finanzjarja li żviluppat fl-2007 u l-2008, hemm kunsens wiesa' li xi prattiċi mhux xierqa ta' rimunerazzjoni fl-industrija tas-servizzi finanzjarji kkaġunaw ukoll it-teħid ta' riskji eċċessivi u b'hekk ikkontribwixxew għal telf sinifikanti lil impriżi finanzjarji kbar.

(3) Fil-biċċa l-kbira tal-industrija tas-servizzi finanzjarji, il-prattiċi ta' rimunerazzjoni kienu qed jaħdmu kontra l-ġestjoni effettiva u għaqlija tar-riskji. Dawn il-prattiċi kellhom it-tendenza li jippreferu l-ksib ta' profitt fi żmien qasir u joffru inċentivi lill-membri tal-persunal biex jagħżlu attivitajiet riskjużi li jroddu dħul ogħla fi żmien qasir filwaqt li jesponu lill-impriżi finanzjarji għal potenzjal ta' telf akbar f'aktar tul ta' żmien.

(4) Fil-prinċipju, jekk is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tar-riskji jkunu b'saħħithom u effeikaċi ħafna, l-inċentivi għat-teħid ta' riskji offruti mill-prattiċi ta' rimunerazzjoni jkunu konsistenti mat-tolleranza tar-riskji tal-impriża finanzjarja. Madankollu, is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tar-riskji kollha għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom u, kif uriet il-kriżi finanzjarja, għandhom mnejn ma jirnexxilhomx jindirizzaw ir-riskji li jinħolqu mill-inċentivi ħżiena, minħabba li n-natura tar-riskji hija dejjem aktar kumplessa u li r-riskji jistgħu jittieħdu f'għadd kbir ta' modi diversi. Konsegwentement, hu meħtieġ li ssir separazzjoni funzjonali sempliċi bejn l-unitajiet tan-negozju u l-persunal responsabbli għas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tar-riskji, anke jekk din weħidha ma għadhiex biżżejjed.

(5) Il-ħolqien ta' inċentivi adegwati fis-sistema ta' rimunerazzjoni nnifisha għandu jnaqqas il-piż minn fuq il-ġestjoni tar-riskji u jżid il-probabbiltà li dawn is-sistemi jsiru effikaċi. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji għal politika ta' rimunerazzjoni għaqlija.

(6) Meta wieħed iqis il-pressjonijiet kompetittivi eżistenti fl-industrija tas-servizzi finanzjarji u l-fatt li bosta impriżi finanzjarji jwettqu kummerċ transkonfinali, huwa importanti li tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha ta' prinċipji għal politika ta' rimunerazzjoni għaqlija. Madankollu, wieħed jirrikonoxxi li biex ikunu aktar effikaċi, il-prinċipji għal politika ta' rimunerazzjoni għaqlija jkollhom jiġu implimentati madwar id-dinja kollha u b'mod konsistenti.

(7) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa "Nixprunaw l-Irkupru Ewropew" [1], il-Kummissjoni ppreżentat il-pjan tagħha biex terġa' tiġi stabbilita u tinżamm sistema finanzjarja stabbli u affidabbli. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ħabbret li se tiġi ppreżentata Rakkomandazzjoni ġdida dwar ir-remunerazzjoni fis-settur tas-servizzi soċjali biex ittejjeb il-ġestjoni tar-riskji fil-kumpaniji finanzjarji u ġġib l-inċentivi tal-ħlas fl-istess linja mal-prestazzjoni sostenibbli.

(8) Din ir-Rakkomandazzjoni tistipula prinċipji ġenerali applikabbli għall-politika ta' remunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji u għandha tkun applikabbli għall-impriżi finanzjarji kollha li joperaw fl-industrija tas-servizzi finanzjarji.

(1) COM(2009) 114.

(9) Fid-dawl ta' regolamenti u prattiċi komuni attwali fl-industrija tas-servizzi finanzjarji, dawn il-prinċipji ġenerali jistgħu jkunu aktar rilevanti għal ċerti kategoriji ta' impriżi finanzjarji milli għal oħrajn. Dawn il-prinċipji għandhom jiġu applikati flimkien ma' kwalunkwe regola jew regolament li jirregola settur finanzjarju speċifiku. B'mod partikolari, id-drittijiet jew kummissjonijiet li jirċievu intermedjarji jew fornituri ta' servizzi esterni fil-każ ta' attivitajiet li jinvolvu l-għoti ta' kuntratti lil entitajiet esterni ma għandhomx jiġu indirizzati, peress l-prattiċi ta' kumpens relatati ma' dawn id-drittijiet u kummissjonijiet diġà huma koperti parzjalment minn skemi speċifiċi, b'mod partikolari d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji [1] u d-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni [2]. Barra minn hekk, din ir-Rakkomandazzjoni hija bla ħsara għad-drittijiet, fejn applikabbli, tas-sħab soċjali fin-negozjati kollettivi.

(10) Fir-rigward tal-impriżi finanzjarji li t-titoli tagħhom jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE fi Stat Membru wieħed jew aktar, din ir-Rakkomandazzjoni tapplika wkoll flimkien mar-Rakkomandazzjoni 2004/913/KE tal-14 ta' Diċembru 2004 sabiex titkattar sistema xierqa għar-rimunerazzjoni ta' diretturi ta' kumpaniji kkwotati [3] u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/385/KE tat-30 ta' April 2009 li tikkumplimenta ir-Rakkomandazzjonijiet 2004/913/KE u 2005/162/KE kif jirigwardja is-sistema għar-rimunerazzjoni ta' diretturi ta' kumpaniji kkwotati [4].

(11) Il-politika ta' rimunerazzjoni ta' impriża finanzjarja speċifika għandha tkun relatata wkoll mad-daqs tal-impriża finanzjarja konċernata, kif ukoll man-natura u l-komplessità tal-attivitajiet tagħha.

(12) Għandha tiġi adottata politika ta' rimunerazzjoni li tiffoka fuq ir-riskji, li tkun konsistenti mal-ġestjoni effettiva tar-riskji u li ma tinvolvix espożizzjoni għal riskji eċċessivi.

(13) Il-politika ta' rimunerazzjoni għandha tkopri dawk il-kategoriji tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom iħallu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-impriża finanzjarja. Sabiex ma jingħatawx inċentivi għat-teħid ta' riskji eċċessivi, għandhom jiġu adottati arranġamenti speċjali fir-rigward tar-rimunerazzjoni ta' dawn il-kategoriji ta' staff.

(14) Il-politika ta' rimunerazzjoni għandha jkollha l-għan li ġġib l-għanijiet personali tal-membri tal-persunal konsistenti mal-interessi fit-tul tal-impriża finanzjarja konċernata. Il-valutazzjoni tal-komponenti ta' rimunerazzjoni li jiddependu mill-prestazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni aktar fit-tul u tqis ir-riskji pendenti assoċjati mal-prestazzjoni. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tifforma parti minn qafas ta' diversi snin, pereżempju minn tliet snin sa ħames snin, sabiex jiġi żgurat li l-proċess tal-valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-komponenti ta' rimunerazzjoni li jiddependu mill-prestazzjoni jitqassam tul iċ-ċiklu ta' negozju tal-kumpanija.

(15) L-impriżi finanzjarji għandhom ikunu jistgħu jirkupraw il-komponenti varjabbli ta' rimunerazzjoni li jkunu ngħataw għall-prestazzjoni abbażi ta' dejta li sussegwentament jingħata prova li kienet manifestament iddikjarata ħażin.

(16) Bħala prinċipju ġenerali, il-ħlasijiet relatati mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt li jingħataw fuq bażi kuntrattwali ma għandhomx iservu ta' premju għall-falliment. Fil-każ ta' diretturi ta' impriżi finanzjarji kkwotati, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-ħlasijiet għal terminazzjoni kif stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 2009/385/KE.

(17) Sabiex il-politika ta' rimunerazzjoni tkun konsistenti mal-għanijiet, l-istrateġija ta' negozjar, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni finanzjarja, apparti mill-prestazzjoni finanzjarja għandhom jitqiesu fatturi oħra, bħall-konformità ma' sistemi u kontrolli tal-istituzzjoni finanzjarja, kif ukoll il-konformità mal-istandards li jirregolaw ir-relazzjoni mal-klijenti u l-investituri.

(18) Il-governanza effikaċi hija kundizzjoni neċessarja biex il-politika ta' rimunerazzjoni tkun waħda għaqlija. Il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politika ta' rimunerazzjoni ta' impriża finanzjarja għandu jkun internament trasparenti u għandu jkun mfassal b'tali mod li jevita l-possibbiltà ta' konflitti ta' interess u jiżgura l-indipendenza tal-persuni involuti.

(19) L-entità li tirregola l-impriża finanzjarja għandu jkollha r-resposabbiltà aħħarija li tistabbilixxi l-politika ta' rimunerazzjoni għall-impriża finanzjarja kollha u li timmonitorja l-implimentazzjoni tagħha. Fil-proċess għandhom jiġu involuti funzjonijiet ta' kontroll u, fejn xieraq, dipartimenti tar-riżorsi umani u esperti, biex jingħata l-għarfien espert meħtieġ. B'mod partikolari, il-funzjonijiet ta' kontroll għandhom jiġu involuti wkoll fit-tfassil u l-analiżi tal-implimentazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni, u l-ħlas għal xogħolhom għandu jkun xieraq biex jiġu mħajrin jipparteċipaw individwi esperti u jiġi żgurat li dawn ikunu indipendenti mill-unitajiet ta' negozju li jikkontrollaw. L-awditur statutorju, fil-limiti tad-doveri attwali ta' rappurtar, għandu jirrapporta dwar in-nuqqasijiet materjali fl-analiżi tal-implimentazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni lill-bord (ta' sorveljanza) jew lill-kumitat tal-verifika.

(1) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
(2) ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3.
(3) ĠU L 385, 29.12.2004, p. 55. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 269M, 14.10.2005, p. 143.
(4) Ara paġna 28 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(20) Il-kontroll tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni x'aktarx li jkun aktar effittiv jekk il-partijiet interessati tal-impriża finanzjarja, fosthom, fejn applikabbli, ir-rappreżentanti tal-impjegati, ikunu informati sew dwar il-proċess li bih tiġi stabbilita u mmonitorjata l-politika ta' rimunerazzjoni u involuti fih. Għal dan l-għan, l-impriżi finanzjarji għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti lill-partijiet interessati tagħhom.

(21) L-implimentazzjoni tal-prinċipji stipulati f'din ir-Rakkomandazzjoni għandha tissaħħaħ permezz ta' analiżi superviżorja fuq livell nazzjonali. Għalhekk, il-valutazzjoni superviżorja globali tas-saħħa tal-impriża finanzjarja għandha tinkludi l-valutazzjoni tal-konformità tal-politika ta' rimunerazzjoni tal-impriża finanzjarja mal-prinċipji stipulati f'din ir-Rakkomandazzjoni.

(22) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fergħat tal-impriżi finanzjarji li jkollhom l-uffiċju reġistrat tagħhom jew l-uffiċju prinċipali tagħhom f'pajjiż terz u li jwettqu kummerċ fit-territorju ta' Stat Membru jiġu suġġetti għal prinċipji dwar il-politika ta' rimunerazzjoni simili għall-prinċipji applikabbli għal impriżi finanzjarji li jkollhom l-uffiċju reġistrat tagħhom jew l-uffiċju prinċipali tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru.

(23) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tiġi applikata bla ħsara għall-miżuri li jistgħu jiġu adottati minn Stati Membri fir-rigward ta' politiki ta' rimunerazzjoni ta' impriżi finanzjarji li jibbenifikaw mill-għajnuna mill-Istat.

(24) In-notifika ta' miżuri minn Stati Membri skont din ir-Rakkomandazzjoni għandha tinkludi skeda ċara taż-żmien li fih l-impriżi finanzjarji għandhom jadottaw politiki ta' rimunerazzjoni konsistenti mal-prinċipji stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni.

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

## TAQSIMA I

## Ambitu u definizzjonijiet

1. *Ambitu*

1.1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipji msemmija fit-Taqsimiet II, III u IV japplikaw għall-impriżi finanzjarji kollha li jkollhom l-uffiċju reġistrat tagħhom jew l-uffiċċju prinċipali tagħhom fit-territorju tagħhom.

1.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipji msemmija fit-Taqsimiet II, III u IV japplikaw għar-rimunerazzjoni ta' dawk il-kategoriji tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom iħallu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-impriża finanzjarja.

1.3. Meta jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-impriżi finanzjarji jimplimentaw dawk il-prinċipji, l-Istati Membri għandhom iqisu n-natura, id-daqs, kif ukoll l-ambitu speċifiku tal-attivitajiet tal-impriżi finanzjarji konċernati.

1.4. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-prinċipji msemmija fit-Taqsimiet II, III u IV għal impriżi finanzjarji fuq bażi individwali u fuq bażi konsolidata. Il-prinċipji għal politika ta' rimunerazzjoni għaqlija għandhom jiġu applikati, fuq livell ta' grupp, għall-impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha, inkluż dawk stabbiliti f'ċentri finanzjarji offshore.

1.5. Din ir-Rakkomandazzjoni ma tapplikax għal drittijiet u kummissjonijiet li jirċievu intermedjarji jew fornituri ta' servizzi esterni fil-każ ta' attivitajiet li jinvolvu l-għoti ta' kuntratti lil entitajiet esterni.

2. *Definizzjonijiet għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni*

2.1. "Impriża finanzjarja", tfisser kwalunkwe impriża, ikun xi jkun l-istatus legali tagħha, kemm jekk regolata kif ukoll jekk mhix, li twettaq kwalunkwe waħda minn dawn l-attivitajiet fuq bażi professjonali:

(a) Taċċetta depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura;

(b) Tipprovdi servizzi ta' investiment u/jew twettaq attivitajiet ta' investiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE;

(ċ) Tkun involuta fin-negozju tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(d) Twettaq attivitajiet ta' negozju simili għal dawk stipulati fil-punti (a), (b) u (c).

Impriża finanzjarja tinkludi, iżda mhijiex limitata għal, istituzzjonijiet tal-kreditu, kumpaniji ta' investiment, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, fondi ta' pensjonijiet u skemi kollettivi ta' investiment.

2.2. "Direttur", tfisser kwalunkwe membru ta' korp amministrattiv, maniġerjali jew ta' sorveljanza ta' impriża finanzjarja.

2.3. "Funzjonijiet ta' kontroll", tfisser ġestjoni tar-riskji, kontroll intern u funzjonijiet simili li jitwettqu f'impriża finanzjarja.

2.4. "Komponent varjabbli ta' rimunerazzjoni", tfisser komponent tad-dritt għar-rimunerazzjoni li jingħata abbażi tal-kriterji ta' prestazzjoni, inkluż il-bonusijiet.

## TAQSIMA II

## Politika ta' rimunerazzjoni

3. *Ġenerali*

3.1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi finanzjarji jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politika ta' rimunerazzjoni li tkun konsistenti u tippromwovi l-ġestjoni għaqlija u effettiva tar-riskji u li ma tikkaġunax it-teħid ta' riskji eċċessivi.

3.2. Il-politika ta' rimunerazzjoni għandha tkun konsistenti mal-istrateġija ta' negozjar, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-impriża finanzjarja, bħall-prospetti ta' tkabbir sostenibbli, u mal-prinċipji relatati mal-protezzjoni tal-klijenti u l-investituri waqt il-forniment tas-servizzi.

4. *Struttura tal-politika ta' rimunerazzjoni.*

4.1. Meta r-rimunerazzjoni tinkludi xi komponent varjabbli jew xi bonus, il-politika ta' rimunerazzjoni għandha tiġi strutturata b'bilanċ xieraq bejn il-komponenti ta' rimunerazzjoni fissi u dawk varjabbli. Il-bilanċ xieraq ta' komponenti ta' rimunerazzjoni jista' jvarja bejn il-membri tal-persunal, skont il-kundizzjonijiet tas-suq u l-kuntest speċifiku li l-impriża finanzjarja topera fih. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politika ta' rimunerazzjoni tal-impriża finanzjara tiffissa limitu massimu għall-komponent varjabbli.

4.2. Il-komponent fiss tar-rimunerazzjoni għandu jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali li jippermetti lill-impriża finanzjarja tħaddem politika ta' bonus li tkun flessibbli għal kollox. B'mod partikolari, l-impriża finanzjarja għandha tkun tista' tiċħad il-bonus għal kollox jew parzjalment f'każ li l-individwu konċernat, l-unità ta' negozju konċernata jew l-impriża finanzjarja ma jissodisfawx il-kriterji ta' prestazzjoni. L-impriża finanzjarja għandha tkun tista' wkoll tiċħad il-bonus meta s-sitwazzjoni tagħha tmur għall-agħar b'mod sinifikanti, b'mod partikolari meta ma jkunx jista' jiġi ggarantit li tista' tkompli twettaq in-negozju tagħha bħala impriża li tfendi.

4.3. Meta jingħata bonus sinifikanti, il-biċċa l-kbira tal-bonus għandu jiġi ddifferit b'perjodu minimu ta' differiment. L-ammont tal-parti differita tal-bonus għandha tiġi ddeterminata skont l-ammont totali tal-bonus kif imqabbel mal-ammont totali tar-rimunerazzjoni.

4.4. Fl-element differit tal-bonus għandhom jitqiesu r-riskji pendenti assoċjati mal-prestazzjoni li l-bonus jirrelata magħhom u dan l-element jista' jkun magħmul minn ekwità, opzjonijiet, flus, jew fondi oħra li l-ħlas tagħhom jiġi pospost tul il-perjodu ta' żmien tad-differiment. Il-kejl tal-prestazzjoni għall-ġejjieni li miegħu jiġi relatat l-element differit għandu jiġi aġġustat skont ir-riskju kif stipulat fil-punt 5.

4.5. Il-ħlasijiet relatati mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt li jingħataw fuq bażi kuntrattwali għandhom ikunu relatati mal-prestazzjoni tul iż-żmien u mfassla b'tali mod li ma jservux biex jippremjaw il-falliment.

4.6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bord (ta' sorveljanza) ta' impriża finanzjarja jkun jista' jġiegħel lil membri tal-staff iħallsu lura l-bonus kollu jew parti mill-bonus li jkun ingħata għall-prestazzjoni abbażi ta' dejta li sussegwentament jingħata prova li kienet manifestament iddikjarata ħażin.

4.7. L-istruttura tal-politika ta' rimunerazzjoni għandha tiġi aġġornata maż-żmien biex jiġi żgurat li tinbidel mas-sitwazzjoni tal-impriża finanzjarja konċernata.

5. *Kejl tal-prestazzjoni*

5.1. Meta r-rimunerazzjoni tkun relata mal-prestazzjoni, l-ammont totali tagħha għandu jkun ibbażat fuq taħlita tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwu u tal-unità ta' negozju konċernata u tar-riżultati kumplessivi tal-impriża finanzjarja.

5.2. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tifforma parti minn qafas ta' diversi snin, sabiex jiġi żgurat li l-proċess tal-valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-bonusijiet jitqassam tul iċ-ċiklu ta' negozju tal-kumpanija.

5.3. Il-kejl tal-prestazzjoni, bħala bażi għall-bonus jew għal fondi ta' bonus, għandu jinkludi aġġustament għal riskji attwali u riskji fil-ġejjieni relatati mal-prestazzjoni bażi u għandu jqis il-kost tal-kapital li jintuża u l-likwidità meħtieġa.

5.4. Fid-determinazzjoni tal-prestazzjoni individwali għandhom jitqiesu kriterji mhux finanzjarji, bħall-konformità mar-regoli u proċeduri interni, kif ukoll il-konformità mal-istandards li jirregolaw ir-relazzjoni mal-klijenti u l-investituri.

6. *Governanza*

6.1. Il-politika ta' rimunerazzjoni għandha tinkludi miżuri li jevitaw il-possibbiltà ta' konflitti ta' interess. Il-proċeduri li jintużaw għad-determinazzjoni tar-rimunerazzjoni fl-impriża finanzjarja għandhom ikunu ċari u dokumentati, kif ukoll internament trasparenti.

6.2. Il-bord (ta' sorveljanza) għandu jiddetermina r-rimunerazzjoni tad-diretturi. Barra minn hekk, il-bord (ta' sorveljanza) għandu jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-politika ta' rimunerazzjoni tal-impriża finanzjarja u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha.

6.3. Fit-tfassil tal-politika ta' rinumerazzjoni għandhom jiġu involuti l-funzjonijiet ta' kontroll u, fejn xieraq, dipartimenti tar-riżorsi umani u esperti esterni.

6.4. Il-membri tal-bord (ta' sorveljanza) responsabbli għall-politika ta' rimunerazzjoni u l-membri tal-kumitati ta' rumunerazzjoni u l-membri tal-persunal li huma involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni għandu jkollhom l-għarfien espert rilevanti u indipendenza funzjonali mill-unitajiet ta' negozju li jikkontrollaw, u b'hekk ikunu jistgħu jiffurmaw ġudizzju indipendenti dwar is-sostenibbiltà tal-politika ta' rimunerazzjoni, inkluż il-konsegwenzi għar-riskji u l-ġestjoni tar-riskji.

6.5. Bla ħsara għar-responsabbiltà kumplessiva tal-bord (ta' sorveljanza) kif stabbilita fil-punt 6.2, l-implimentazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni għandha, mill-anqas fuq bażi annwali, tiġi suġġetta għal analiżi interna ċentrali u indipendenti mill-funzjonijiet ta' kontroll għall-konformità mal-politiki u l-proċeduri definiti mill-bord (ta' sorveljanza). Il-funzjonijiet ta' kontroll għandhom jirrapportaw lill-bord (ta' sorveljanza) dwar ir-riżultat ta' din l-analiżi.

6.6. Il-membri tal-persunal involuti fil-proċessi ta' kontroll għandhom ikunu indipendenti mill-unitajiet ta' negozju li huma jissorveljaw, ikollhom l-awtorità xierqa, u jiġu kkumpensati skont kemm jirnexxilhom jilħqu l-għanijiet relatati mal-funzjonijiet tagħhom, tkun xi tkun il-prestazzjoni tan-negozji li jikkontrollaw. B'mod partikolari, fir-rigward tal-impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, il-funzjoni attwarja u l-attwarja responsabbli għandhom jiġu rrimunerati b'mod proporzjonat mar-rwol tagħha jew tiegħu fl-impriża ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni u mhux skont il-prestazzjoni tal-impriża konċernata.

6.7. Il-prinċipji ġenerali tal-politika ta' rimunerazzjoni għandhom ikunu aċċessibbli għall-membri tal-persunal li huma applikabbli għalihom. Dawn il-membri tal-persunal għandhom jiġu informati bil-quddiem dwar il-kriterji li jkunu se jintużaw biex tiġi ddeterminata r-rimunerazzjoni tagħhom u dwar il-proċess ta' evalwazzjoni. Il-proċess ta' evalwazzjoni u l-politika ta' rimunerazzjoni għandhom jiġu ddokumentati kif xieraq u jkunu trasparenti għall-membri individwi tal-persunal konċernati.

## TAQSIMA III

## Żvelar

7. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-dejta, l-informazzjoni rilevanti dwar il-politika ta' rimunerazzjoni msemmija fit-Taqsima II u kwalunkwe aġġornamenti f'każ ta' tibdil fil-politika għandhom jiġu żvelati mill-impriża finanzjarja b'mod ċar u li jinftihem faċilment lill-partijiet interessati rilevanti. Dan l-iżvelar jista' jsir fil-forma ta' dikjarazzjoni ta' politika ta' rimunerazzjoni indipendenti, żvelar perjodiku f'dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew fi kwalunkwe forma oħra.

8. Għandha tiġi żvelata din l-informazzjoni:

(a) informazzjoni dwar il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jintuża biex tiġi ddeterminata l-politika ta' rimunerazzjoni, inkluż, jekk applikabbli, informazzjoni dwar il-kompożizzjoni u l-mandat tal-kumitat ta' rimunerazzjoni, l-isem tal-konsulent estern li s-servizzi tiegħu jkunu ntużaw biex tiġi ddeterminata l-politika ta' rimunerazzjoni u r-rwol tal-partijiet interessati rilevanti;

(b) informazzjoni dwar ir-rabta ta' bejn il-ħlas u l-prestazzjoni;

(ċ) informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-kejl tal-prestazzjoni u l-aġġustament għar-riskji;

(d) informazzjoni dwar il-kriterji ta' prestazzjoni li fuqhom huwa bbażat l-għoti ta' drittijiet għal ishma, opzjonijiet u komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni;

(e) il-parametri ewlenin u l-ġustifikazzjoni għal kwalunkwe skema ta' bonus annwali u kwalunkwe benefiċċji oħra mhux f'forma ta' flus.

9. Meta jiġi ddeterminat il-livell ta' informazzjoni li għandha tiġi żvelata, l-Istati Membri għandhom iqisu n-natura, id-daqs, kif ukoll l-ambitu speċifiku tal-attivitajiet tal-impriżi finanzjarji konċernati.

## TAQSIMA IV

## Sorveljanza

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, waqt il-monitoraġġ tagħhom dwar jekk humiex segwiti l-prinċipji msemmija fit-Taqsimiet II u III, iqisu d-daqs tal-impriża finanzjarja u n-natura u l-komplessità tal-attivitajiet tagħha.

11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi finanzjarji jkunu jistgħu jikkomunikaw il-politika ta' rimunerazzjoni koperta minn din ir-Rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fejn jinkludu indikazzjoni tal-konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni, fil-forma ta' dikjarazzjoni ta' politika ta' rimunerazzjoni suġġetta għal aġġornamenti xierqa.

12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu u jingħataw aċċess għall-informazzjoni kollha li jeħtieġu biex jevalwaw il-punt sa fejn jiġu segwiti l-prinċipji msemmija fit-Taqsimiet II u III.

## TAQSIMA V

## Dispożizzjonijiet finali

13. L-Istati Membri huma mistiedna jieħdu l-miżuri neċessarji biex jippromwovu l-applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2009 u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li jieħdu skont din ir-Rakkomandazzjoni, biex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib u, abbażi ta' dan, tivvaluta l-ħtieġa għal aktar miżuri.

14. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Siim KALLAS
*Viċi President*

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' April 2009

## li tikkumplementa r-Rakkomandazzjonijiet Nru 2004/913/KE u Nru 2005/162/KE fir-rigward tas-sistema tar-rimunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kkwotati fil-borża

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/385/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tal-Artikolu 211 tiegħu,

BILLI:

(1) Fl-14 ta' Diċembru 2004, il-Kummissjoni adottat ir-Rakkomandazzjoni Nru 2004/913/KE sabiex titkattar sistema għar-rimunerazzjoni ta' diretturi ta' kumpaniji kkwotati fil-borża [1] u fil-15 ta' Frar 2005 il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni Nru 2005/162/KE dwar ir-rwol tad-diretturi mhux eżekuttivi jew superviżorji ta' kumpaniji kkwotati fil-borża u dwar il-kumitati tal-bord (superviżorju) [2]. L-għanijiet prinċipali tal-imsemmija Rakkomandazzjonijiet huma li tkun żgurata trasparenza tal-prattiki tar-rimunerazzjoni, kontroll min-naħa tal-azzjonisti f'dak li għandu x'jaqsam mal-politika ta' rimunerazzjoni u mar-rimunerazzjoni individwali billi tkun żvelata informazzjoni u jkun introdott vot mandatorju jew konsultattiv dwar ir-rendikont ta' rimunerazzjoni u l-approvazzjoni mill-azzjonisti għal skemi ta' rimunerazzjoni skont l-ishma, superviżjoni mhux eżekuttiva li tkun effikaċi u indipendenti u kumitat tar-rimunerazzjoni li tal-anqas ikollu rwol konsultattiv fir-rigward tal-prattiki tar-rimunerazzjoni.

(2) Għalhekk minn dawn ir-Rakkomandazzjonijiet joħroġ li l-Kummissjoni għandha teżamina s-sitwazzjoni, inklużi l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipji mdaħħla f'dawk ir-Rakkomandazzjonijiet, u tevalwa l-ħtieġa ta' iktar miżuri. Barra minn dan, l-esperjenza tul dawn l-aħħar snin, u dan l-aħħar minħabba l-kriżi finanzjarja, uriet li l-istrutturi tar-rimunerazzjoni qegħdin isiru dejjem iktar kumplessi, iffukati wisq fuq kisbiet imwettqa fuq perjodu qasir ta' żmien u f'xi każijiet dawn wasslu għal rimunerazzjoni żejda li ma kinitx iġġustifikata mill-prestazzjoni tagħhom.

(3) Filwaqt li l-forma, l-istruttura u l-livell tar-rimunerazzjoni tad-diretturi jibqgħu jaqgħu primarjament fil-kompetenzi tal-kumpaniji, l-azzjonisti tagħhom u, fejn huwa applikabbli, ir-rappreżentanti tal-impjegati, il-Kummissjoni tqis li hemm bżonn ta' prinċipji oħra fir-rigward tal-istruttura tar-rimunerazzjoni tad-diretturi, kif stipulat fil-politika ta' rimunerazzjoni tal-kumpanija u fil-proċess ta' kif jiġu kkalkulati ir-rimunerazzjoni u l-kontroll tat-tali proċess.

(4) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet, fejn huma applikabbli, tal-imsieħba soċjali fin-negozjati kollettivi.

(5) Is-sistema eżisenti għar-rimunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kkwotati fil-borża għandha tissaħħaħ permezz ta' prinċipji li huma komplimentari għal dawk li jinsabu fir-Rakkomandazzjonijiet Nru 2004/913/KE u Nru 2005/162/KE.

(6) L-istruttura tar-rimunerazzjoni tad-diretturi għandha tippromwovi s-sostenibbiltà tal-kumpanija fit-tul u tiżgura li r-rimunerazzjoni hija kkalkulata skont il-prestazzjoni tagħhom. Komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni għandhom għalhekk ikunu marbuta ma' kriterji ta' prestazzjoni li jkunu ġew iffissati minn qabel u li jistgħu jitkejlu, inklużi kriterji ta' natura mhux finanzjarja. Għandhom jiġu ffissati limiti dwar il-komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni. Komponenti varjabbli ewlenin tar-rimunerazzjoni għandhom ikunu differiti għal perjodu partikolari, per eżempju minn tlieta sa ħames snin, skont il-kundizzjonijiet ta' prestazzjoni. Barra minn hekk, il-kumpaniji, għandhom ikunu jistgħu jitolbu lura l-komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni li kienu diġà tħallsu abbażi ta' dejta, li dwarha ħarġu provi biċ-ċar li ma kinitx ġenwina.

(7) Huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-ħlasijiet għat-terminazzjoni, imsejħin "paraxuts dehbin" ("golden parachutes"), mhumiex premju għal falliment u li jiġi rispettat l-għan primarju tal-ħlasijiet għat-terminazzjoni bħala xibka ta' sikurezza f'każ li l-kuntratt jintemm kmieni. Għal dak il-għan, il-ħlasijiet għat-terminazzjoni għandhom ikunu limitati għal ammont jew tul ta' żmien partikolari li jkunu ġew iffissati minn qabel, li, b'mod ġenerali, ma għandhomx jammontaw għal iktar minn sentejn rimunerazzjoni (abbażi tal-komponent fiss waħdu tar-rimunerazzjoni fis-sena) u ma jitħallsux jekk it-terminazzjoni tal-kuntratt hija riżultat ta' prestazzjoni inadegwata jew f'każ li d-direttur jitlaq minn jeddu. Dan ma għandux iżomm milli jkun hemm ħlasijiet għat-terminazzjoni f'sitwazzjonijiet fejn il-kuntratt jintemm kmieni, minħabba tibdiliet fl-istrateġija tal-kumpanija jew f'sitwazzjoni li jkun hemm amalgamazzjoni u/jew takeover.

[1] ĠU L 269M, 14.10.2005, p. 143.
[2] ĠU L 272M, 18.10.2005, p. 94.

(8) L-iskemi li bihom id-diretturi jiġu rimunerati b'ishma, opzjonijiet tal-ishma jew bi kwalunkwe dritt għall-akkwist tal-ishma jew li jiġu rimunerati skont kif jiċċaqilqu l-prezzijiet tal-ishma għandhom ikunu marbutin aħjar mal-prestazzjoni u l-valur miżjud tal-kumpaniji li jissawwar fit-tul. Għalhekk, għandu japplika perjodu xieraq għall-assenjazzjoni tal-ishma, b'din l-assenjazzjoni tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet ta' prestazzjoni. L-opzjonijiet tal-ishma u d-drittijiet għall-akkwist tal-ishma għad-diretturi jew għar-rimunerazzjoni tagħhom li jiġu kkalkulati skont kif jiċċaqilqu l-prezzijiet tal-ishma ma jistgħux ikunu eżerċitati f'perjodu xieraq u d-dritt li jeżerċitawhom għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet ta' prestazzjoni. Sabiex ikunu evitati iżjed il-kunflitti ta' interess tad-diretturi li għandhom ishma fil-kumpanija, dawn id-diretturi huma obbligati jżommu parti mill-ishma tagħhom sal-aħħar tal-mandat tagħhom.

(9) Sabiex tkun iffaċilitata l-valutazzjoni tal-azzjonijisti dwar l-approċċ tal-kumpanija għar-rimunerazzjoni u sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà tal-kumpanija lejn l-azzjonisti tagħha, ir-rendikont tar-rimunerazzjoni għandha tkun ċara u faċli biex tinftiehem. Barra minn dan, hemm bżonn li tkun żvelata iktar informazzjoni dwar l-istruttura tar-rimunerazzjoni.

(10) Sabiex tiżdied ir-responsabbiltà, l-azzjonisti għandhom ikunu mħeġġa jattendu l-laqgħat ġenerali u jagħmlu użu siewi tad-dritt tagħhom tal-vot. B'mod partikolari, l-azzjonisti istituzzjonali għandu jkollhom rwol ewlieni fl-iżgurar li l-bordijiet ikunu iktar responsabbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet ta' rimunerazzjoni.

(11) Il-kumitati tar-rimunerazzjoni, kif inhuma imsemmijin fir-Rakkomandazzjoni Nru 2005/162/KE, jissodisfaw rwol importanti fit-tfassil tal-politika ta' rimunerazzjoni tal-kumpanija, fl-evitar tal-kunflitti ta' interess u fis-superviżjoni tal-imġiba tal-bordijiet (maniġerjali) mil-lat ta' rimunerazzjoni. Sabiex jissaħħaħ ir-rwol ta' dawk il-kumitati, għall-anqas membru wieħed tal-kumitat għandu jkun espert fil-qasam tar-rimunerazzjoni.

(12) Il-konsulenti dwar ir-rimunerazzjoni jista jkollhom interessi konflinġenti, per eżempju meta jagħtu pariri lill-kumitat tar-rimunerazzjoni dwar il-prattiki u l-arranġamenti tar-rimunerazzjoni, u fl-istess ħin jagħtu parir lill-kumpanija jew lid-direttur(i) eżekuttiv(i) jew maniġerjali. Huwa xieraq li l-kumitati ta' rimunerazzjoni joqogħdu attenti meta jkunu qegħdin jimpjegaw konsulenti dwar ir-rimunerazzjoni sabiex jiżguraw li l-istess konsulenti ma jagħtux pariri lid-dipartiment tar-riżorsi umani tal-kumpanija jew lid-diretturi eżekuttivi jew maniġerjali fl-istess ħin.

(13) Fid-dawl tal-importanza tal-kwistjoni dwar ir-rimunerazzjoni tad-diretturi u sabiex titjieb l-applikazzjoni effikaċi tal-qafas tal-Komunità dwar ir-rimunerazzjoni tad-diretturi, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb tagħmel użu estensiv tal-mekkaniżmi differenti ta' eżami, bħalma huma t-tabelli ta' valutazzjoni (scoreboards) li joħorġu kull sena u l-evalwazzjoni reċiproka li ssir mill-Istati Membri. Barra minn dan, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb tifli l-possibbiltajiet li tistandardizza l-iżvelar ta' informazzjoni dwar il-politika ta' rimunerazzjoni tad-diretturi.

(14) L-avviż tal-miżuri li jinħareġ mill-Istati Membri skont din ir-Rakkomandazzjoni għandu jinkludi perjodu ta' żmien ċar li fih il-kumpaniji għandhom jadottaw politiki li jkunu konsistenti mal-prinċipji stipulati f'din ir-Rakkomandazzjoni.

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

## TAQSIMA I

## Ambitu u definizzjonijiet

1. *Ambitu*

1.1. L-ambitu tat-Taqsima II ta' din ir-Rakkomandazzjoni jikkorrispondi ma' dak li jinsab fir-Rakkomandazzjoni Nru 2004/913/KE.

L-ambitu tat-Taqsima III ta' din ir-Rakkomandazzjoni jikkorrispondi ma' dak li jinsab fir-Rakkomandazzjoni Nru 2005/162/KE.

1.2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiżguraw li l-kumpaniji kkwotati fil-borża, li għalihom japplikaw ir-Rakkomandazzjonijiet Nru 2005/913/KE u 2005/162/KE, jikkunsidraw din ir-Rakkomandazzjoni.

2. *Definizzjonijiet oħra flimkiem ma' dawk stipulati fir-Rakkomandazzjonijiet Nru 2005/913/KE u 2004/162/KE:*

2.1. "Komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni" tfisser komponenti tad-dritt għar-rimunerżzzjoni li jingħataw lid-diretturi abbażi tal-kriterji ta' prestazzjoni, inklużi bonusijiet.

2.2. "Ħlasijiet għat-terminazzjoni" tfisser kwalunkwe ħlas marbut ma' sitwazzjoni fejn il-kuntratt tad-diretturi eżekuttivi jew maniġerjali jintemm qabel iż-żmien maħsub, inkluż ħlasijiet għall-perjodu ta' notifika jew klawżola li ma tippermettix li jkun hemm kompetizzjoni mat-tali kumpanija li tkun inkluża fil-kuntratt.

## TAQSIMA II

## Politika ta' rimunerazzjoni

(Taqsima II tar-Rakkomandazzjoni Nru 2004/913/KE)

3. *Struttura tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni tad-diretturi*

3.1. Meta l-politika ta' rimunerazzjoni tinkludi komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni, il-kumpaniji għandhom jiffissaw limiti għall-komponent(i) varjabbli. Il-komponent fiss tar-rimunerazzjoni għandu jkun biżżejjed sabiex jippermetti lill-kumpanija żżomm il-komponenti varjabbli ta' rimunerazzjoni meta ma jintlaħqux il-kriterji ta' prestazzjoni.

3.2. L-għoti ta' komponenti varjabbli għar-rimunerazzjoni għandu jkun soġġett għall-kriterji ta' prestazzjoni li jkunu ġew iffissati minn qabel u li jistgħu jitkejlu

Il-kriterji ta' prestazzjoni għandhom jippromwovu s-sostenibbiltà tal-kumpanija fit-tul u jinkludu kriterji mhux finanzjarji li huma relevanti għall-valur miżjud li jissawwar fit-tul għall-kumpaniji, bħall-konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli.

3.3. Meta jingħata komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni, parti kbira tal-komponent varjabbli għandha tiġi differita għal perjodu qasir ta' żmien. Il-parti tal-komponent varjabbli soġġetta għal differiment għandha tiġi kkalkulata skont il-piż relattiv tal-komponent varjabbli mqabbel mal-komponent fiss tar-rimunerazzjoni.

3.4. L-arranġamenti kuntrattwali mad-diretturi eżekuttivi jew maniġerjali għandhom jinkludu provvedimenti li jippermettu lill-kumpanija sabiex titlob lura l-komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni li kienu diġà tħallsu abbażi ta' dejta, li dwarha ħarġu provi biċ-ċar li ma kinitx ġenwina.

3.5. Il-ħlasijiet għat-terminazzjoni ma għandhomx jaqbżu ammont fiss jew għadd fiss ta' snin ta' rimunerazzjoni fis-sena, li b'mod ġenerali ma għandhomx jammontaw għal iktar minn sentejn tal-komponent fiss ta' rimunerazzjoni jew l-ekwivalenti tiegħu.

Il-ħlasijiet ta' terminazzjoni ma għandhomx jitħallsu jekk it-terminazzjoni hija riżultat ta' prestazzjoni inadegwata.

4. *Rimunerazzjoni skont l-ishma*

4.1. L-ishma ma għandhomx jiġu assenjati lil ħaddieħor għall-anqas tliet snin minn meta jkunu ngħataw.

L-opzjonijiet tal-ishma jew kwalunkwe dritt ieħor tal-akkwist tal-ishma jew li bih jiġu rimunerati abbażi taċ-ċaqliq fil-prezzijiet tal-ishma, ma għandhomx ikunu eżerċitati għall-anqas tliet snin minn meta jkunu ngħataw.

4.2. L-assenjazzjoni tal-ishma u d-dritt eżerċitat għall-opzjonijiet tal-ishma jew kwalunkwe dritt ieħor tal-akkwist tal-ishma jew li bih jiġu rimunerati abbażi taċ-ċaqliq fil-prezzijiet tal-ishma, għandhom ikunu soġġetti għall-kriterji ta' prestazzjoni li jkunu ġew iffissati minn qabel u li jistgħu jitkejlu.

4.3. Wara l-assenjazzjoni, id-diretturi għandhom iżommu għadd ta' ishma, sakemm jintemm il-mandat tagħhom, soġġett għall-ħtieġa li jkunu ffinanzjati kwalunkwe spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-akkwist tal-ishma. L-għadd ta' ishma li għandhom jinżammu għandu jkun iffissat, pereżempju d-doppju tal-valur tar-rimunerazzjoni kollha fis-sena (il-komponenti fissi flimkien ma' dawk varjabbli).

4.4. Ir-rimunerazzjoni tad-diretturi mhux eżekuttivi jew superviżorji ma għandux jinkludi l-opzjonijiet tal-ishma.

5. *Żvelar ta' inforamzzjoni dwar il-politika ta' rimunerazzjoni tad-diretturi*

5.1. Ir-rendikont tar-rimunerazzjoni, imsemmi fil-punt 3.1 tar-Rakkomandazzjoni Nru 2004/913/KE, għandu jkun ċar u jinftiehem faċilment.

5.2. Barra mill-informazzjoni stipulata fil-punt 3.3 tar-Rakkomandazzjoni Nru 2004/913/KE, ir-rendikont tar-rimunerazzjoni għandu jinkludi li ġej:

(a) spjegazzjoni ta' kif l-għażla tal-kriterji ta' prestazzjoni tikkontribwixxi għall-interessi tal-kumpaniji fit-tul, skont il-punt 3.2 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(b) spjegazzjoni tal-metodi, applikati sabiex ikun stabbilit jekk il-kriterji ta' prestazzjoni humiex sodisfatti;

(ċ) informazzjoni biżżejjed dwar il-perjodi ta' differiment fir-rigward tal-komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni, kif imsemmi fil-punt 3.3 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(d) informazzjoni biżżejjed dwar il-politika fir-rigward ta' ħlasijiet ta' terminazzjoni, kif imsemmi fil-punt 3.4 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(e) informazzjoni biżżejjed dwar il-perjodu ta' assenjazzjoni ta' ishma li fuqhom tiddependi r-rimunerazzjoni, kif imsemmi fil-punt 4.1 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(f) informazzjoni biżżejjed dwar il-politika fir-rigward taż-żamma tal-ishma wara li jkunu ġew assenjati, kif imsemmi fil-punt 4.3 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

(g) informazzjoni biżżejjed dwar il-kompożizzjoni tal-istess gruppi ta' kumpaniji li l-politika ta' rimunerazzjoni tagħhom ġiet eżaminata skont l-istabbiliment tal-politika ta' rimunerazzjoni tal-kumpanija inkwistjoni.

6. *Vot tal-azzjonijsti*

6.1. L-azzjonisti, b'mod partikolari l-azzjonisti istituzzjonali, għandhom ikunu mħeġġa jattendu laqgħat ġenerali fejn huwa xieraq u jagħmlu użu sew tal-voti tagħhom fir-rigward tar-rimunerazzjoni tad-diretturi, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji inklużi f'din ir-Rakkomandazzjoni, ir-Rakkomandazzjoni Nru 2004/913/KE u r-Rakkomandazzjoni Nru 2005/162/KE.

## TAQSIMA III

## Il-kumitat tar-rimunerazzjoni

(il-punt 3 tal-Anness I għar-Rakkomandazzjoni Nru 2005/162/KE)

7. *Ħolqien u kompożizzjoni*

7.1. Għall-anqas membru wieħed mill-kumitat tar-rimunerazzjoni għandu jkollu l-għarfien u l-esperjenza fil-qasam tal-politika ta' rimunereazzjoni.

8. *Rwol*

8.1. Il-kumitat tar-rimunerazzjoni għandu jirrevedi perjodikament il-politika ta' rimunerazzjoni għad-diretturi eżekuttivi jew maniġerjali, inkluża l-politika li għandha x'taqsam mar-rimunerazzjoni skont l-ishma, u l-implimentazzjoni tagħha.

9. *Operazzjoni*

9.1. Il-kumitat tar-rimunerazzjoni għandu jeżerċita ġudizzju u integrità indipendenti fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu.

9.2. F'każ li jsir użu mis-servizzi ta' konsulent bil-ħsieb li tinkiseb informazzjoni dwar l-istandards tas-suq għas-sistemi tar-rimunerazzjoni, il-kumitat tar-rimunerazzjoni għandu jiżgura li l-konsulent inkwistjoni ma jagħtix pariri fl-istess ħin lid-dipartiment tar-riżorsi umani jew lid-diretturi eżekuttivi jew maniġerjali tal-kumpanija inkwistjoni.

9.3. Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, il-kumitat tar-rimunerazzjoni għandu jiżgura li r-rimunerazzjoni tad-diretturi eżekuttivi jew maniġerjali individwali hija proporzjonata mar-rimunerazzjoni ta' diretturi eżekuttivi jew maniġerjali oħrajn u membri tal-persunal oħra tal-kumpanija.

9.4. Il-kumitat tar-rimunerazzjoni għandu jħejji rapport dwar il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu għall-azzjonisti u jkun preżenti fil-laqgħa ġenerali ta' kull sena għal dan il-għan.

## TAQSIMA IV

## Dispożizzjonijiet finali

10. L-Istati Membri huma mistiedna jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippromwovu l-applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2009.

Rigward dan, l-Istati Membri huma mistiedna jorganizzaw konsultazzjonijiet nazzjonali mal-partijiet interessati dwar din ir-Rakkomandazzjoni u jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu skont din ir-Rakkomandazzjoni sabiex jippermettu lill-Kummissjoni teżamina s-sitwazzjoni mill-qrib, u abbażi ta' dan tevalwa jekk hemmx il-ħtieġa għal iktar miżuri.

11. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Siim KALLAS
*Viċi President*

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-ħlas editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT